Vol 42
Nru 212
April - Ġunju 2021

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2021

comalt@ofm.org.mt
www.co-malta.org

Qoxra Quddiem:
*Il-Blata tal-Agunija*

# Werrej



6



18



23



27


6 L-Għar-Knisja Tal-Ġetsemani

18 Sliem Għalik Marija Immakulata

23 Il-Ġarra Mkissra (Ġer 19). (2)

27 Ħjiel ta' Ġografija Biblika(II)

35 Għalfejn u lil Min Inkitbet l-Ewwel Ittra Ta' San Ġwann?

43 Jinstab Banju Ritwali Lhudi fl-Iskavi taħt il-Ġetsemani




35

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## FUTUR WARA PANDEMIJA U GWERRA

Wara kampanja intensiva ta' vaċċinazzjoni, Israel kien wieħed mill-ewwel pajjiżi li rnexxielu joħroġ mill-effetti tal-pandemija hekk li l-ħajja setgħet tkompli b'ritmu pjuttost normali. Ma nistgħux ngħidu l-istess fil-każ tal-Palestina, fejn in-numru ta' infezzjonijiet kompla b'ritmu preokkupanti, għalkemm jidher li bil-mod il-mod qed jonqos anke hemmhekk. Dan kollu nissel tama ġdida li l-Art Imqaddsa tkun tista' tibda tilqa' l-pellegrini u l-viżitaturi f'qasir żmien, wara aktar minn sena u nofs ta' waqfien totali li ġab l-ekomomija tas-settur turistiku għarkubbtejha.

Sadanittant f'Israel saru l-elezzjonijiet, għar-raba' darba konsekuttiva minn April 2019, u kull darba mingħajr riżultat ċar dwar liema partit kellu maġġoranza ta' voti biżżejjed biex jieħu l-gvern f'idejh. Kull darba saru trattattivi bejn diversi partiti, b'riżultati mhux dejjem sodisfaċenti. Sadanittant il-Prim Ministru Benjamin Netanyahu kompla jiggverna biex jimla dan il-vojt. Sal-mument li fih qiegħed nikteb dan l-editorjal għad ma hemmx soluzzjoni ċara għal din il-problema.

Fil-Palestina wkoll hemm bżonn li jsiru elezzjonijiet, għax ilhom snin ma jsiru minħabba diversi fatturi. L-aktar wieħed

 

*Vjolenza fil-Lvant Nofsani*

gravi fosthom hu li hemm firda bejn il-Palestina fix-Xatt tal-Punent (West Bank), fejn hemm fil-gvern il-President Mahmoud Abbas u l-Partit Fatah, u l-Palestina fl-iStrixxa ta' Gaża, fejn il-gvern hu mmexxi mill-Partit tal-Ħamas, li ma jridx jirrikonoxxi l-iStat ta' Israel. Ħamas hu meqjus bħala organizzazzjoni terroristika minn Israel, l-iStati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea. Bil-biża' li Ħamas jista' jirbaħ maġġoranza anke fix-Xatt tal-Punent, fejn hemm il-bliet Palestinjani ta' Ramallaħ, Betleħem, Ħebron, Nablus, Ġeriko, Ġenin u Tulkarem, l-elezzjonijiet dejjem tħallew fuq l-ixkaffa. Problema oħra tirrigwarda l-fatt li Israel ma jridx li l-Palestinjani li joqogħdu f'Ġerusalemm tal-lvant (li l-Palestinjani jriduha kapitali tal-iStat tagħhom) jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Palestina, għax Israel iqis lil Ġerusalemm kollha kemm hi bħala l-belt kapitali tiegħu u l-Palestinjani li jgħixu fiha bħala popolazzjoni, li la hi Israeljana imma lanqas ma tista' tagħmel parti mill-Palestina.

Din is-sitwazzjoni politika mqanqla ħalliet effett negattiv fuq is-sensibilità ta' ħafna, li kompla aggrava ruħu bil-problema tal-panedmija u r-restrizzjonijiet li ġabet magħha. Din is-sena l-festa ta' *Pesah*, l-Għid tal-Lhud, ħabtet mal-istaġun tax-xahar qaddis tar-*Ramadan* tal-Musulmani. Iż-żmien tal-festi f'Ġerusalemm hu dejjem mument ta' tensjoni. U t-tensjoni splodiet proprju fl-aħħar jiem tar-*Ramadan*, meta seħħ ġlied fuq l-Ispjanata tal-Moskej f'Ġerusalemm u daħlu l-forzi Israeljani biex iżommu l-ordni. Il-ġlied beda minħabba li xi familji Palestinjani li jgħixu fil-kwartier ta' Sheikh Jarrah f'Ġerusalemm tal-lvant, irċevew ordni li jisgumbraw djarhom għax ġew dikjarati illegali. Fi ftit ħin it-tensjoni xterdet ma' diversi nħawi fejn jgħixu Palestinjani u Israeljani, l-aktar fil-belt ta' Lod, qrib l-ajruport internazzjonali ta' Ben Gurion.

Ir-riżultat kien li t-tensjoni splodiet ukoll fit-territorji

Palestinjani, l-aktar fl-iStrixxa ta' Gaża, minn fejn milizjani tal-Ħamas bdew jisparaw missili lejn Israel biex jolqtu l-bliet kbar li hemm viċin, l-aktar Axdod u Axkelon, u wkoll sa Bat Yam u Tel Aviv. Israel irrisponda billi attiva s-sistema sofistikata ta' awto-difiża tiegħu, imsejħa *Iron Dome*, li biha jinterċetta l-missili meta jkunu għadhom fl-ajru u jisplodihom bil-missili tiegħu qabel ma jaslu biex jolqtu l-objettiv tagħhom. Israel beda wkoll jattakka stabilimenti militari tal-Ħamas billi jibbumbardja bini f'Gaża. Ir-riżultat kien il-mewt ta' aktar minn 250 Palestinjan, li numru sostanzjali tagħhom kienu nisa u tfal. Gaża hi sovrapopolata u mimlija bini ġo xulxin. L-istallazzjonijiet militari tal-Ħamas jinsabu f'nofs il-bini tal-popolazzjoni ċivili. Israel soltu javża li jkun se jattakka biex in-nies joħorġu, imma dawn ma għandhomx fejn imorru u bosta darbi jispiċċaw vittmi innoċenti ta' attakki fuq il-milizjani. Issa, wara diversi ġimgħat ta' ġlied, wara li Israel farrak l-infrastruttura militari tal-Ħamas, sar waqfien mill-ġlied. Storja li diġà ġrat drabi oħrajn, u li tista' terġa' tiġri fil-futur.

Minkejja dan kollu l-ħajja fl-Art Imqaddsa tkompli. Fix-Xatt tal-Punent ftit kienu l-ħsarat u l-Palestinjani ma jridux jidħlu f'konfront ma' Israel, għax jafu li l-industrija tat-turiżmu tiddependi mill-paċi. Bliet bħal Betleħem jiddependu biss mit-turisti u l-pellegrini biex jgħixu, u kienu qed jittamaw li t-tmiem tal-pandemija jiftaħ żmien ġdid li fih jirritornaw l-eluf ta' pellegrini li kienu jiġu qabel. Anke Israel għandu bżonn ta' stabilità politika, li titlob li jkun hemm il-paċi, biex hekk ukoll l-industrija turistika tqum fuq saqajha, għalkemm Israel ma jiddependix biss mit-turżimu għall-għajxien tiegħu.

Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa ta' spiss fakkar fl-appelli tal-Papa Franġisku biex l-insara jitolbu għall-paċi u b'hekk l-insara lokali jkunu jistgħu jgħixu ħajja normali u jsibu wkoll għajxien deċenti bil-miġja tal-pellegrini. Minkejja l-fatt li forsi ħafna jibżgħu meta jisimgħu aħbarijiet ta' tensjoni politika u militari fl-Art Imqaddsa, ta' min jgħid li t-tensjonijiet ma jdumux u li hemm bżonn li nkunu aktar kuraġġużi u nagħtu s-support tagħna lill-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa. Wieħed mill-modi hu li nirritornaw ħalli nżuru l-Art Imqaddsa. Ta' min jinsisti, għal darba darbtejn, li l-maġġoranza tas-Santwarji tal-Fidwa li jżuru l-pellegrini ma jinstabux f'żoni ta' tensjoni, u li fuq kollox la l-Palestinjani u lanqas l-Israeljani ma għandhom interess li l-pellegrini ma jiġux jitolbu fl-Art Imqaddsa, għax minnhom jiddependi l-għajxien ta' eluf ta' persuni li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu.

Min-naħa tagħna l-Patrijiet Franġiskani tal-Art Imqaddsa, nkomplu naħdmu biex innisslu fiduċja u kuraġġ, u ninsistu fuq is-sbuħija tal-esperjenza unika tal-pellegrinaġġ fl-Art ta' Ġesù. Kull min ġie magħna jaf li ma hemmx periklu li tmur l-Art Imqaddsa, u li min-naħa tagħna m'aħniex sejrin nieħdu riskji li mmorru bi gruppi f'postijiet li jistgħu jkunu perikolużi għal żmien limitat. Għaldaqstant, nittamaw li dalwaqt jiġi lura ż-żmien li naraw il-pellegrini Maltin fl-Art Imqaddsa. Aħna lesti li nibdew bl-istess entużjażmu ta' dejjem.




# L-GĦAR-KNISJA TAL-ĠETSEMANI

Noel Muscat ofm

*Għerien-Knejjes fl-Art Imqaddsa (II)*


*Bewsa ta' traditur*

Il-Vanġeli jiddeskrivu l-Ġetsemani bħala "qasam" (*villa*) jew "ġnien" li kien hemm fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-Wied tal-Kedron, fejn Ġesù kien jinġabar mad-dixxipli tiegħu, u fejn x'aktarx kienu jsibu kenn bil-lejl meta jkunu Ġerusalemm. Ġw 18,1-12 jgħid: "Ġesù ħareġ mad-dixxipli tiegħu u qasam għan-naħa l-oħra tal-Wied ta' Kedron; hemmhekk kien hemm ġnien, u daħal fih mad-dixxipli tiegħu. Ġuda, dak li ttradih, kien jafu l-post, għax Ġesù kien sikwit jinġabar hemm mad-dixxipli tiegħu." Kien f'dan il-post li Ġesù mar jitob wara l-aħħar ċena.

Mattew u Mark isemmu tliet postijiet speċifiċi f'dik l-okkażjoni: wieħed fejn Ġesù ħalla d-dixxipli tiegħu u mar daqs tefgħa ta' ġebla bogħod flimkien ma' Pietru, Ġakbu u Ġwanni; it-tieni wieħed fejn hu ħalla dawn it-tlieta u sabhom reqdin kull darba li kien jirritorna għandhom; u t-tielet post fejn hu talab waħdu lill-Missier għal tliet darbiet (Mt 26,36-46; Mk 14,32-42; cf. Lq 22,39-46). Meta rritorna mit-talb wara t-tielet darba, Ġesù ġie arrestat fil-post li fih kien ħalla lit-tliet Appostli, meta waslu hemm l-għases mibgħuta mill-qassisin il-kbar u l-anzjani, akkumpanjati minn Ġuda t-traditur (Mt 26,47-57; Mk 14,43-53; Lq 22,47-54).

Il-pellegrini li jmorru jżuru l-Bażilika tal-Agunija fil-Ġetsemani normalment imorru wkoll fil-qiegħ tal-Wied tal-Kedron fejn hemm żewġ tifkiriet għeżież, jiġifieri l-Kripta tal-Qabar tal-Verġni Marija u, fuq il-lemin tal-bieb tagħha, f'kurridur dejjaq, id-daħla għall-Għar-Knisja tal-Ġetsemani, magħruf ukoll bħala l-Għar tal-Appostli. Anke dan is-Santwarju ċkejken hu f'idejn il-Kustodja tal-Art Imqaddsa u l-Franġiskani ilhom jieħdu ħsiebu sa mill-1392.

## L-Għar-Knisja tal-Ġetsemani fix-xhieda tal-pellegrini antiki

Fis-sena 333 il-Pellegrin ta' Bordeaux isemmi ġebla (*petra*) f'dielja fuq in-naħa tax-xellug tal-Wied ta' Ġosafat (isem ieħor għall-Wied tal-Kedron) u jgħid li kienet timmarka l-post li fih Ġuda kien ittradixxa lil Ġesù.

Il-pellegina Egeria, li żaret Ġerusalemm fis-sena 384, tikteb li mxiet fil-purċissjoni flimkien mal-isqof u l-poplu nhar il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu, meta dawn niżlu mill-Għolja taż-Żebbuġ lejn il-post li fih Ġesù kien arrestat fil-Ġetsemani, fejn sar talb partikulari u miegħu innu u qari mis-silta evanġelika. Fis-seklu 12 il-pellegrin Pietro Diacono jikkwota lil Egeria meta jfakkar l-Għar u jgħid li fuqu kien hemm knisja li kienet tfakkar il-post li fih Ġesù ġie arrestat.

Fis-seklu 6 il-post fejn Ġesù ġie ttradut u arrestat tħallat mal-knisja tal-Qabar tal-Verġni Marija. Imma qrib kien hemm għar (l-Għar-Knisja tal-Ġetsemani?) li kien fih erba' bankijiet fil-blat. It-tradizzjoni kienet issostni li dan kien il-post li fih Ġesù kien għamel l-ewwel ikla tal-Għid mad-dixxipli, għalkemm Theodosius fis-sena 518 iħallat dan il-post mas-sala tal-Aħħar Ċena. Hu jgħid ukoll li ra 200 irħieb neżlin lejn dan il-post.

Fis-sena 570 l-għar beda jiġi identifikat bħala l-post li fih Ġesù ġie ttradut. Il-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza jikteb li fl-għar kien hemm tliet bankijiet fil-blat, x'aktarx

biex jispjega kif kienu jirreferu għat-tliet Appostli li kienu qrib Ġesù waqt l-agunija.

Fis-sena 685 Arculf, għalkemm ma jsemmix il-post tat-tradiment, jikteb li l-Għar venerat kien jinsab fuq il-knisja ta' Santa Marija u li kellu żewġ bjar u erba' mwejjed tal-ħaġar (*mensae*) li fuqhom kienu jieklu Ġesù u l-Appostli.

Epiphanius (639-689) iħallat dan l-Għar mal-post li fih Kristu u l-Appostli kellhom joqogħdu f'jum il-ġudizzju. Ma ninsewx li ninsabu fil-Wied ta' Ġosafat, li t-tradizzjoni antika ġejja mill-profeta Ġoel 4,2.12-16 tindikah bħala l-post tal-ġudizzju finali.

Kien dan l-Għar, u mhux il-knisja tal-Agonija, li kien il-post li San Willibald fis-snin 724-725 jindikah bħala l-post li fih Ġesù qal lill-Appostli biex jishru u jitolbu (Mt 26,41).

Seklu wara, Bernard ir-Raħeb fis-sena 870 jindika dan il-post bħala knisja li fiha kien hemm erba' mwejjed tondi, u li jqisu l-post tat-tradiment.

Fl-epoka Kruċjata, l-post li fih Ġesù ħalla lit-tliet Appostli u fejn ġie arrestat jiġi deskritt minn diversi kittieba tas-seklu 12 bħala li jinsab qrib il-knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat. Saewulf (1102-1103) isejjaħ il-post bħala kappella ċkejkna (*oraculum*)



*Ġesù fil-Ġetsemani*

li fih wieħed seta' jara t-tliet bankijiet li fuqhom kienu raqdu t-tliet dixxipli. Danjel l-Abbati (1106-1108) jgħidlna li dan il-post kien għar, li kien qrib ħafna tal-qabar tal-Verġni Marija.

Għandna deskrizzjoni aktar dettaljata tal-Għar minn Belardo di Ascoli (1112-1160c.): "Fil-ġnien (tal-Ġetsemani) hemm kripta mħaffra fil-blat tal-Għolja taż-Żebbuġ, li tista' tesa' forsi mat-300 persuna. Fil-fond ta' din il-kripta hemm kripta iżgħar, li tixbah ċella ta' xi patri. Kien f'dik iċ-ċella li Kristu ta' spiss kien joqgħod jitlob; u hawnhekk hu nqabad mill-għases. Fid-daħla tagħha jidhru donnhom tliet swaba' tal-id qaddisa tiegħu li huma mħaffrin fil-blata tal-kripta, u li jingħad li stampaw ruħhom fil-ħin li fih Kristu ġie maqbud. Il-kripta hi llum knisja u ftit passi bogħod quddiemha hemm il-qabar tal-Verġni mqaddsa Marija, li wieħed jinżel fih permezz ta' xi 30 tarġa."

L-impressjoni tas-swaba' ta' Kristu fil-blat tal-għar tissemma wkoll mill-

Pellegrin Islandiż madwar l-1150-1160. Il-mappa ta' Cambrai tal-istess epoka wkoll turi l-*Gessemane* bħala knisja żgħira qrib dik ta' Santa Marija, filwaqt li l-mappa ta' Copenhagen (c.1180) turi knisja kbira u l-kliem: 'Ġetsemani. Hawnhekk Ġesù ġie maqbud mil-Lhud.'

Il-*Vita Sancti Theutonii* (†1160) torbot din il-kappella mat-talba ta' Ġesù fil-ġnien, imma tiddistingwiha mill-post l-ieħor aktar bogħod li jitkellem dwaru San Luqa 22,41, meta jgħid li Ġesù "tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla." Din l-approprjazzjoni ta' tradizzjoni li normalment kienet tiġi assoċjata mal-knisja viċina tas-Salvatur kienet x'aktarx konsegwenza tal-mod kif dan il-qari tal-Vanġelu kien marbut mal-għar, u l-pitturi mal-ħitan ċertament kellhom riferenzi lejn Ġesù li jitlob fil-ġnien.

Ġwann ta' Würżburg żar l-għar madwar l-1165 u kiteb: "Id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ postijiet, jiġifieri bejn il-post fejn id-dixxipli baqgħu u l-post li fih mar jitlob il-Mulej, jidher ċar fil-Wied ta' Ġosafat. Għax barra mill-knisja l-kbira tal-qabar tal-Verġni Mqaddsa Marija ... sal-lum fuq il-lemin tad-daħla tagħha, għad hemm kappella li hi għar, li fih id-dixxipli baqgħu mnikktin u reqdin, filwaqt li l-Mulej mar minn ħdejhom tliet darbiet u ġie lura daqshekk ieħor. Dan il-fatt illum hu muri minn pittura li tinsab hemmhekk."

Id-deskrizzjoni ta' Ġwann ta' Würżburg tas-sit bħala 'kappella li hi għar' (*capella cum caverna*) turina li kien hemm xi forma ta' binja quddiem id-daħla tal-għar, li kienet tgħaqqad dan l-għar-knisja mat-taraġ li jinżel lejn il-qabar tal-Verġni. Hu jsemmi din il-blata li fuqha kienet ġiet stampata l-id ta' Kristu, li jgħid li kienet turi l-ħames swaba' ta' Ġesù.

L-eżistenza ta' binja barra l-għar tissemma

*L-Għar tal-Appostli*



minn Teodoriku dwar il-knisja tal-Ġetsemani fid-deskrizzjoni li jagħti fl-1172: "Meta tidħol inti mill-ewwel issib altar meqjum; u malli tidħol fl-għar ta' taħt l-art fuq ix-xellug inti ssib erba' postijiet immarkati, li fihom tliet Appostli imteddu u raqdu. Fuq ix-xellug hemm ukoll ġebla kbira fil-kantuniera tal-għar, li fuqha Kristu nnifsu stampa s-swaba' tiegħu, u fforma sitt toqbiet."

Ir-riferenza ta' Teodoriku għall-erba' postijiet li fihom raqdu l-Appostli, tiġi ta' spiss ripetuta minn diversi għejun letterarji kontemporanji. Għalkemm donnha tikkuntradixxi r-rakkont evanġeliku, imma tirrifletti wkoll kontinwazzjoni ma' tradizzjoni aktar antika li kienet tassoċja l-għar mal-ikla tal-Għid tal-Appostli.

L-Għar-Knisja kienu wkoll żaruha grupp ta' pellegrini li kienu Ġerusalemm fil-konklużjoni tat-tielet Kruċjata f'Settembru 1192: "Mill-[qabar tal-Verġni Marija], u mhux mingħajr xi ftit periklu, aħna tlajna fl-istess għar li fih jingħad li l-Mulej u l-Feddej ġie maqbud bil-lejl, biex imbagħad minn hemm jittieħed biex jiġi msallab il-għada. Aħna xerridna dmugħ ta' devozzjoni u bisna dak il-post bl-imħabba. Imbagħad, billi t-Torok ġew ikeċċuna kellna nitilqu malajr."


*Daħla għall-kripta - Qabar tal-Madonna*

## L-Għar-Knisja tal-Ġetsemani fis-seklu 13

L-Għar-Knisja wara li l-Kruċjati tilfu Ġerusalemm fl-1187 komplew iżuruh pellegrini kemm Griegi kif ukoll Latini, anke jekk il-knisja u l-abbazija ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat kienu sfaw meqruda, b'eċċezzjoni tal-kripta tal-Qabar tal-Madonna.

Burchard tal-Għolja ta' Sijon, madwar l-1283, jgħid li d-daħla għall-Għar-Knisja kienet tinsab xi 50 pied lejn il-lvant tad-daħla tal-kripta tal-Qabar tal-Madonna. Ġewwa l-pellegrini kienu jaraw il-postijiet fejn qagħdu d-dixxipli meta Ġesù talabhom jibqgħu hemm u jishru sakemm hu jmur jitlob (Mt 26,36), kif ukoll il-post fejn Ġesù ġie arrestat, li kien indikat mill-marki ta' rasu fuq il-blat. Fil-medjuevu kienet komuni din l-ossessjoni dwar ir-relikwi u l-marki tal-Mulej fil-Postijiet Qaddisa, hekk li Burchard ipprova anke jaqta' xi biċċiet mill-blat tal-għar.

Fis-seklu 14 l-Għar-Knisja kompla bħala post ta' qima għall-pellegrini li setgħu jmorru jżuruh. Huma baqgħu jidentifikawh bħala l-post li fih Ġesù ġie arrestat, kif isostni Ludolph ta' Sudheim fl-1336-1341. Bil-mod il-mod il-pellegrini Latini bdew jarawh bħala l-post tat-talb ta' Ġesù, billi l-post tat-tradiment kienu

x'aktarx iqimuh fil-ġnien tal-Ġetsemani.

Il-Franġiskan Niccolò di Poggibonsi, fil-*Libro d'Oltremare* (1346-1350), jikteb: "Malli wieħed joħroġ mill-bieb tal-knisja [kripta tal-Qabar tal-Madonna], fuq ix-xellug, wara xi tnax-il pass, issib bieb kbir, imma llum imkisser; erba' passi 'l ġewwa mill-bieb hemm għar kbir, li jissejjaħ *Villa Iessemani*, li jinsab f'riġlejn l-Għolja taż-Żebbuġ. Fuq l-għar hemm ġnien, u ftit bogħod minnu l-post fejn Ġesù ġie maqbud u fejn talab lill-Missier. Malli tidħol fl-għar f'nofsu hemm pilastru. Meta Kristu kien maqbud l-ewwel ħaduh f'dik il-grotta, u mbagħad rabtuh hemm ġew, sakemm ġew għalih l-għassiesa mibgħuta minn Anna u Kajfa. Fix-xellug tal-għar hemm ġebla fl-art fejn issib altar. Hemmhekk Kristu talab lill-Missier u għaraq il-qtar tad-demm. Fuq il-għar hemm miktub: *Pater, si fieri potest, transeat a me calix iste; verumtamen non mea voluntas sed tua*. Hemmhekk ġie marbut Kristu. Fuq l-għar hemm fetħa kbira tonda, u hemmhekk Kristu kien jitlob diversi drabi. Meta toħroġ barra, fuq ix-xellug tal-bieb, issib tribuna, u hemmhekk il-Verġni Marija kienet titlob wara l-Passjoni ta' Binha, għax kienet taf li Hu kien iħobb jitlob hemmhekk." F'dak iż-żmien fl-Għar-Knisja kienu għadhom jidhru pitturi u iskrizzjonijiet.

## L-Għar tal-Ġetsemani f'idejn il-Franġiskani

L-Għar tal-Ġetsemani ġie uffiċjalment dikjarat bħala l-post tal-agunija u t-talba ta' Ġesù mill-papiet Innoċenz VI (1361) u Urbanu V (1362). Sa minn meta l-Franġiskani bdew joqogħdu b'mod stabbli f'Ġerusalemm fl-1333, fil-kunvent tal-Għolja ta' Sijon, huma kienu juffiċjaw il-liturġija fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, fil-Bażilika tan-Natività f'Betleħem, u fil-Qabar tal-Verġni Marija fil-Wied ta' Ġosafat.

Fl-1361, billi huma riedu jibnu kunvent maġenb il-Kripta tal-Qabar tal-Madonna u l-Għar tal-Ġetsemani, irnexxielhom jakkwistaw, bl-intervent tar-Re Pedro IV ta' Aragona, bolla mill-Papa Innoċenz VI (9 ta' Novembru 1361), li awtorizzahom biex jipproċedu fil-pjan tagħhom. Billi fit-12 ta' Settembru 1361 miet Innoċenz VI, is-suċċessur tiegħu Urbanu V, fit-8 ta' Novembru 1362 ikkonferma l-permess b'żewġ ittri lill-patrijiet Andrea Chesham u Giovanni Ponher (jew Poucher), li kienu ġew inkarigati mis-Superjur tal-Għolja ta' Sijon biex jittrasportaw mill-Ewropa l-materjal meħtieġ għar-restawr tal-kunventi tagħhom. Sfortunatament dan il-pjan tal-patrijiet ma rnexxiex. Kienet saret talba għal dan il-għan mir-Reġina Giovanna I ta' Sqallija fl-1263 lis-Sultan al-Mansūr Salāh al-Dīn Muhammad, imma wara l-attakk li sar minn Ċipru fuq il-port ta' Lixandra fl-1365 in-negozjati waqfu. Fl-1384, meta kien jinsab fil-Kajr, il-pellegrin Nicolò Frescobaldi iltaqa' ma' Patri Nicolas Corner, il-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon, li kien mar hemmhekk biex jitlob il-permess tas-Sultan Barqūq biex jibni l-kunvent. Din il-missjoni wkoll intemmet fix-xejn.

Fl-1392 il-Franġiskani akkwistaw dokument legali li tahom il-pussess tar-rovini tal-knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat flimkien mal-Kripta tal-Qabar tal-Madonna u l-Għar tal-Ġetsemani. L-att tal-pussess sar fit-30 ta' Marzu 1392 taħt it-tmexxija tal-Kustodju Patri Gerard Chauvet (Calveti). Id-dokument jibda b'dawn il-kelmiet: "F'Isem il-Mulej. Amen. Ħa jkun jaf kulħadd u dawk kollha li huma preżenti llum li ġie ppubblikat dan id-dokument biex wieħed jarah u jisma' li jgħid, li bih niddikjaraw li s-Sinjuri Papiet Innoċenz VI u Urbanu V, ta' tifkira hienja, kienu taw indult permezz ta' Ittri Apostoliċi maħruġin mill-Kurja Rumana, bil-bolla taċ-ċomb fuq ix-xemgħa ħamra tas-siġill, u li jien nutar imniżżel hawn taħt (*Ioannes de Castainthis, Dioecesis Aquensis, publicus*

*Apostolica et imperiali auctoriate notarius*) rajtu b'għajnejja u qrajtu, u li kkonfermajt li mhux falsifikat, jew kanċellat, imma hu ħieles minn kull manumissjoni, u li jidher ċar il-kontenut li hemm fih kelma b'kelma, jiġifieri li jingħata permess lill-Ministru Provinċjal u lill-Patijiet tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri tal-Provinċja tal-Art Imqaddsa, li fuq l-użu tal-imsemmi Ordni tal-Minuri, jagħmlu l-fundazzjoni, jibnu u jerġgħu jieħdu f'idejhom mill-ġdid u għal dejjem, l-imsemmi post flimkien mal-Knisja, ma' kappella jew oratorju, mal-qanpiena u qniepen, maċ-ċimiterju u mal-binjiet l-oħrajn neċessarji fil-Wied ta' Ġosafat, biex iqimu l-Qabar tas-Sinjura glorjuża tagħna l-Verġni Mqaddsa Marija, u l-post viċin tiegħu, li l-poplu jsejjaħlu *Għar*, li fih, kif jingħad, il-Mulej tagħna fil-lejl tal-Passjoni mqaddsa tiegħu talab lill-Missier, *u l-għaraq tiegħu sar bħal qtar tad-demm iċarċar sal-art* (Lq 22,44), u li jieħdu dan il-post bħala kunvent għall-użu tal-Patrijiet Minuri tal-imsemmi Ordni u li jħarsu dan l-istess Qabar..."



Patri Virgilio Corbo OFM

Minkejja dan l-isforz legali, iżda, il-Franġiskani ma rnexxielhomx jibnu l-kunvent li xtaqu f'dan il-post, għalkemm il-preżenza tagħhom u l-pussess tal-Qabar tal-Madonna seħħu *de facto* sal-1757, meta keċċewhom minn hemm il-Griegi Ortodossi, u fil-Għar tal-Ġetsemani baqgħet preżenza kostanti mill-1392 sal-ġurnata tal-lum.

## L-Għar tal-Ġetsemani wara li għadda f'idejn il-Franġiskani

Fost il-viżitaturi li żaru l-Għar-Knisja fis-seklu 15 kien hemm Alessandro di Filippo Rinuccini, li jiddeskrivi pittura li kien hemm mal-ħajt tal-għar, li kienet turi lil Kristu għarkopptejh b'għajnejh merfugħin 'il fuq hu u jitlob. Mill-1392 kienu l-Franġiskani weħidhom li kellhom altar f'dan l-Għar-Knisja. Bonifacio di Ragusa (Dubrovnik) jikteb li l-altar kien jinsab fil-post fejn Kristu kien talab, filwaqt li kolonna fir-rokna tal-lvant tal-Għar kienet timmarka l-post fejn kien deherlu l-anġlu biex ifarrġu waqt l-agunija. Jan Zvallart isemmi erba' pilastri li kienu jwieżnu s-saqaf tal-għar li kellhom pitturi ta' fjuri fuqhom. L-istess informazzjoni jagħtihielna Francesco Quaresmi, li jinnota li, xi darba fl-imgħoddi, l-Għar-Knisja kien ukoll aċċessibbli mill-knisja ta' Santa Marija, imma li dak il-kurridur issa kien imblukkat. Hu, iżda, xettiku dwar il-fatt li kien f'dan l-għar li Ġesù kien talab waqt l-agunija. Wara li l-għar safa mgħarraq fl-1654, (kif ġara ta' spiss fl-istorja minħabba l-fatt li x-xita tniżżel l-ilma ta' Ġerusalemm fil-Wied tal-Kedron), il-Kustodju Patri Mariano Morone da Maleo ordna li jitnaddaf l-Għar-Knisja, u li titkabbar l-arkata fid-daħla.

F'Diċembru 1681 u Jannar 1682, l-Għar-Knisja tal-Ġetsemani, li kien magħruf bl-Għarbi bħala *Maghārat al-Dam* (L-Għar tad-Demm), kif ukoll l-art kollha ta' fuqu, inkluż il-ġnien taż-żebbuġ fil-Ġetsemani, inxtraw f'isem il-Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa minn tliet aħwa Kroati minn Sarajevo, Pavao, Antun u Jakob Branović, li kienu Kavallieri tal-Ordni Ekwestru tal-Qabar ta' Kristu.

F'Mejju 1803, il-pussess tal-Franġiskani ġie kkonfermat permezz ta' *firmān* ippubblikat mis-Sultan Selīm III, li awtorizza lill-patrijiet li jġeddu l-bieb u l-muftieħ, li kienu sparixxew fl-invażjoni ta' Napuljun.

Wara l-inondazzjoni kbira tat-23 ta' Novembru 1955, l-Għar-Knisja tal-Ġetsemani saru fih skavi intensivi u studju dettaljat pubblikat mill-arkeologu Franġiskan Patri Virgilio CORBO, *Ricerche Archeologiche al Monte degli Ulivi*, Franciscan Printing Press, Jerusalem 1965.

## L-Għar-Knisja tal-Ġetsemani kif jidher illum

L-Għar hu parti naturali u parti mħaffer mill-bniedem. Mil-lvant għall-punent għandu tul ta' 17.4 metri, filwaqt li mit-tramuntana san-nofsinhar għandu wisgħa ta' 12-il metru, u hu 3.5 metri għoli. Is-saqaf tal-għar jistrieħ fuq tliet pilastri li huma ta' forma tonda, li warajhom hemm ambulatorju nofs tond. Meta Corbo għamel l-iskavi fl-1956 skopra l-bażi ta' kolonna oħra irregolari li kienet tinsab f'nofs il-għar. Fis-saqaf tal-għar hemm fetħa tonda ta' madwar 2.1 metri li minnha jgħaddi d-dawl. Il-presbiterju hu forma ta' għar kwadru fil-fond tal-Għar-Knisja, madwar 4 metri wiesgħa u 3 metri fond, li hu miksi b'volta nofs tond maqtugħa fil-blat. Fl-iskavi li saru fl-1956 Corbo sab ukoll għar ċkejken fin-naħa tax-xlokk tal-Għar-Knisja, li tidħol fih minn bieb żgħir maqtugħ fil-blat.

Id-daħla oriġinali tal-Għar-Knisja ma kinitx fejn hi illum, imma kienet tinsab fil-ħajt tat-tramuntana, u kienet wiesgħa xi 5 metri. Id-daħla li hemm illum, fuq in-naħa tal-majjistral tal-Għar-Knisja, li tasal għaliha minn kurridur dejjaq mill-ġenb tal-faċċata tal-kripta tal-Qabar tal-Madonna, saret f'epoka Biżantina. Jidher li d-daħla oriġinali baqgħet tintuża, għax Corbo skopra xkaffa-niċċa fil-ħajt tat-tramuntana, li x'aktar li kien jifforma parti minn antikamera li kienet tniffed l-Għar-Knisja mal-bieb li kien iwasslek fit-taraġ li minnu tinżel fil-kripta tal-Qabar tal-Madonna. Dak il-bieb wisq probabbli ġie



*Il-Ġnien taż-Żebbuġ*

imblukkat ftit wara 1187, meta Saladin ħatt il-knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat u ħalla biss wieqfa l-kripta bil-Qabar tal-Madonna. Kien f'dik l-okkażjoni li sar il-kurridur fuq barra, li mill-ġenb tal-faċċata tal-kripta tal-Qabar tal-Madonna jieħdok lejn il-bieb attwali tal-Għar-Knisja. Din id-daħla reġgħet saret mill-ġdid wara l-għargħar tal-1654 u mbagħad fl-1955 tqiegħed il-bieb li hemm illum, biex iħares l-Għar-Knisja mill-ilma tax-xita, billi l-Għar jinsab fuq livell aktar baxx mill-kurridur ta' barra.

Jidher li fl-ewwel sekli dan l-Għar kien jintuża bħala magħsar taż-żebbuġ, minn fejn ġie l-isem Lhudi *Gatshemani*, kelma li tfisser appuntu "magħsar taż-żejt." Instabet ukoll ġiebja taħt il-kantuniera tal-grigal tal-Għar. Jidher li fis-sekli 4 u 5 dan l-Għar beda jiġi użat bħala Għar-Knisja, għax fil-ħitan instabu fdalijiet ta' tikħil u tħaffru diversi oqbra saħansitra fil-ġiebja taħt l-Għar. Għad hemm sinjali ta' ftit mużajċi fuq l-art, li fihom ukoll xi epitafji marbutin mal-oqbra. L-arkeoloġi huma tal-fehma li diversi mill-oqbra huma post-Biżantini, jiġifieri ġejjin mill-perjodu tal-ħakma Għarbija tal-Palestina, anke jekk jidhru li kienu kollha oqbra Kristjani. Hemm ukoll fdalijiet tal-mużajċi bojod fil-paviment li kienu saru fl-epoka Kruċjata. Ġo qabar minnhom instabu xi muniti Kruċjati, waħda minnhom ġejja minn Chartres. Hemm tliet oqbra tal-ġebel li għandhom pjanta ta' *trapezium* (kwadru b'żewġ naħat paralleli u żewġ naħat irregolari), fejn hemm ukoll spazju għar-ras, li Corbo iddatahom ukoll għall-epoka Kruċjata.

Fl-era Kruċjata, fis-seklu 12, is-saqaf tal-Għar ġie mpitter bi kwiekeb bi tmien ponot, irranġati b'mod ġeometriku jew inkella fi ċrieki, għalkemm xi pellegrini kienu jiddiskrevuhom bħala fjuri. Xi partijiet mill-ħitan kienu wkoll imżejnin b'affreski. Ġwanni ta' Würzburg (c.1165) ifakkar affresk ta' Ġesù li jħalli lit-tliet Appostli sakemm hu jmur jitlob. Jista' jkun li diġà kienet teżisti l-pittura tal-affresk li ra Rinuccini tard fis-seklu 15. Xi studjużi jsostnu li l-figuri fl-Għar setgħu saru biss lejn nofs is-seklu 14, meta l-knisja Kruċjata tas-Salvatur (il-Bażilika tal-Agunija tal-lum) kienet meqruda u t-tifkira tal-agunija ta' Ġesù ġiet assoċjata biss mal-Għar-Knisja, li baqa' l-unika tifkira tal-ġrajja tal-Ġetsemani. Imma mhux kulħadd jaqbel ma' din l-interpretazzjoni, għax l-Għar tal-Ġetsemani kien ilu sekli twal meqjus li jfakkar hu wkoll it-talba u l-agunija ta' Ġesù. Wara kollox, it-tifkira tkopri medda art li mhix daqshekk kbira, għax bejn l-Għar u l-knisja tal-Agunija tal-lum hemm biss ftit metri distanza.

L-unika iskrizzjoni medjevali fl-Għar li għadha tidher sal-lum tinsab fuq ix-xellug tal-presbiterju u taqra: *Hic Rex C(hristu) s sudavit sanguinem / Sepe morabatur D(omin)u(s) C(hristus). Mi Pater, / si vis, transfer calicem istu(m) a me* (Lq 22,42). Din l-iskrizzjoni kienet tirreferi għal xi affresk li kien hemm taħtha u fuq il-lemin tagħha, li għad fadal minnu biss frammenti. X'aktarx li kien juri lil Kristu jitlob fil-ġnien taż-żebbuġ, Kristu mad-dixxipli fil-Ġetsemani u Kristu li jiġi mfarraġ mill-anġlu. Niccolò da Poggibonsi jagħti varjant fil-qari tal-iskrizzjoni: *Pater si fieri potest, transeat a me calix iste; verumtamen non mea voluntas, sed tua*, li jidher aktar qrib għal Mt 26,39.

## It-tifkiriet Evanġeliċi marbutin mal-Għar-Knisja tal-Ġetsemani

Ir-rabta bejn l-Għar-Knisja u r-rakkont tal-agunija tal-Mulej fil-Ġetsemani hi ċertament antika u valida, għalkemm matul diversi sekli l-pellegrini kienu pjuttost iqisu ż-żona tal-"ġnien sagru" tas-siġar taż-żebbuġ u l-blata tal-agunija meqjuma fil-Bażilika tal-Agunija bħala l-post tat-tifkira. Kif għidna, mhux daqshekk importanti li

nieqfu fuq dettalji bħal dawn f'post li fi żmien Ġesù kien parti mill-istess "qasam" jew "ġnien." Ċertament ir-rakkonti evanġeliċi jgħinuna biex illum il-ġurnata nagħtu lil kull post l-importanza li jistħoqqlu.

L-Għar tal-Ġetsemani kien post familjari għal Ġesù u l-Appostli. San Ġwann hu ċar dwar dan meta jikteb: "Kif qal dan, Ġesù ħareġ mad-dixxipli tiegħu u qasam għan-naħa l-oħra tal-Wied ta' Kedron; hemmhekk kien hemm ġnien, u daħal fih mad-dixxipli tiegħu. Ġuda, dak li ttradih, kien jafu l-post, għax Ġesù kien sikwit jinġabar hemm mad-dixxipli tiegħu" (Ġw 18,1-2). Meta Ġesù kien jiġi mal-Appostli Ġerusalemm, l-aktar għall-festi prinċipali, il-folol li kien ikun hemm fil-belt kienu tant kbar li lanqas post fejn jorqod ma kien jinstab għal kulħadd. Kienu ħafna dawk li kienu jikkampjaw barra l-belt, l-aktar fuq l-Għolja taż-Żebbuġ u l-wied ta' taħtha, fejn kien hemm bosta għerien (li għadhom jidhru, xi wħud inglobati fid-djar Għarab tar-raħal ta' Silwan). X'aktarx li Ġesù u l-Appostli kienu jużaw dan l-Għar, li kif rajna kien magħsar taż-żejt, biex jistkennu fih matul il-lejl.

Il-fatt li Ġesù ħa miegħu lill-Appostli wara l-Aħħar Ċena u irtira f'dan l-Għar kien il-preludju tal-Passjoni tiegħu. San Mark jgħid: "Waslu f'qasam jismu Ġetsemani, u qal lid-dixxipli tiegħu: 'Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm nitlob.' U ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, u bdew jaħkmuh il-biża' u d-dwejjaq. Qalilhom: 'Inħossni mnikket għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru.' Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet fl-art, u talab li, jekk jista' jkun, titwarrab minnu dik is-siegħa" (Mk 14,32-35). Dawn id-dettalji juruna stampa pjuttost ċara tal-movimenti ta' Ġesù fil-ħin tal-agunija tiegħu. Ġesù mar mal-Appostli f'post li kienu midħla tiegħu u jikkmandhom biex jibqgħu fih. Imbagħad joħroġ minn hemm flimkien mat-tliet Appostli li kellhom ikunu xhieda tal-agunija tiegħu, kif kienu darba xhieda tat-trasfigurazzjoni tiegħu. Magħhom tbiegħed mill-Appostli l-oħrajn, u anke lilhom ħalliehom f'post ieħor filwaqt li hu mexa



*San Mark Evangelista*


*Papa Innocenz VI*

aktar 'il quddiem. San Luqa jgħidilna li Ġesù "tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla" (Lq 22,40) meta mar jitlob. Dawn id-dettalji nistgħu nispjegawhom b'mod loġiku jekk inħarsu lejn it-topografija tal-Ġetsemani. Ġesù u l-Appostli daħlu jistkennu fl-Għar li fih kienu jgħaddu l-lejl, post familjari anke għal Ġuda t-traditur, li fil-fatt imur hemm mal-għases tal-Lhud biex jaqbad lil Ġesù u jittradih, wara li Ġesù irritorna mit-talb. Id-distanza bejn l-Għar-Knisja tal-Ġetsemani u l-ġnien taż-żebbuġ hi tassew distanza relattiva, li tista' tiddiskreviha bħala "daqs tefgħa ta' ġebla". Mill-Għar li kien jinsab fil-ġenb tal-Wied ta' Kedron, imma mhux fil-qiegħ (fil-fatt il-Qabar tal-Madonna li hu fil-qiegħ tal-wied hu ħafna aktar 'l isfel mil-livell tal-Għar), Ġesù jieħu miegħu lil Pietru, Ġakbu u Ġwanni u jitla' kemmxejn 'il fuq mal-ġenb tal-Għolja taż-Żebbuġ fil-masġar taż-żebbuġ, fejn iħalli lilhom hemmhekk ħalli hu jidħol aktar 'il ġewwa fuq il-blata kiesħa tal-agunija, dejjem għaddell tas-siġar taż-żebbuġ li sal-lum għadhom xhieda siekta tal-agunija tiegħu. Il-post tal-agunija mela, jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal fejn illum hemm il-Bażilika tal-Agunija, mibnija fuq il-fdalijiet tal-knisja Kruċjata tas-Salvatur u tal-knisja Biżantina li kien hemm qabilha, li fihom il-pellegrini kienu jqimu xi blat għeri tal-ġenb tal-Għolja bħala l-post li fih Ġesù għadda tliet sigħat fl-agunija u l-għaraq tiegħu sar qtar tad-demm li ċarċar sal-art. Lura lejn l-Għar wara t-talb u ċ-ċanfira ħelwa

li ta lil Xmun u lil sħabu, Ġesù, b'libertà sovrana, jikkonsenja ruħu lill-għases li bagħtu l-Lhud flimkien ma' Ġuda t-traditur, li kienu jistennewh fl-Għar li fih kienu jafu li jsibu lilu u lill-Appostli.

L-Għar-Knisja tal-Ġetsemani hu l-post li jagħti xhieda għal dan kollu, imma wkoll għal fatt ieħor li seħħ ukoll bil-lejl, lejn il-bidu tal-ministeru ta' Ġesù. Hi x-xena ta' meta Ġesù jkollu kollokwju ma' Nikodemu, xena li nsibuha f'San Ġwann 3,1-21. Ix-xena tiftaħ b'dawn il-kelmiet: "Kien hemm fost il-Fariżej raġel jismu Nikodemu, wieħed mill-kbarat tal-Lhud. Dan ġie għand Ġesù bil-lejl u qallu: 'Rabbi, aħna nafu li inti Mgħallem mibgħut minn Alla'" (Ġw 3,1-2a). Nikodemu joħroġ ifittex lil Ġesù bil-lejl. Il-fatt li kien jaf fejn isibu jġegħelna naħsbu li kellu għarfien tal-post li fih Ġesù kien jirtira fis-sigħat tal-lejl wara l-predikazzjoni tiegħu fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Dan il-post kien xi għar jew gorboġ li fih kien jinġabar Ġesù mat-Tnax. It-tradizzjoni dejjem indikat l-Għar-Knisja tal-Ġetsemani bħala dan il-post, li fih x'aktarx saret din il-laqgħa bejn Ġesù u Nikodemu. Ma ninsewx li t-tradizzjoni tal-għerien bħala postijiet li fihom Ġesù kien jitlob hi marbuta dejjem mal-Għolja taż-Żebbuġ, għax hu proprju aktar 'il fuq, qrib il-quċċata tal-Għolja, li nsibu Għar ieħor, din id-darba Għar-Kripta tal-knisja kbira tal-Eleona li nbniet mill-Imperatriċi Elena fl-epoka Biżantina, u li hu meqjus il-post li fih Ġesù għallem lill-Appostli t-talba tal-"Missierna".

L-importanza taż-żona tal-Ġetsemani kibret proprju reċentement meta fil-21 ta' Diċembru 2020 grupp ta' arkeoloġi tal-Israel Antiquities Authority, flimkien mal-arkeoloġi Franġiskani tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm ħabbru li kienu sabu skoperti ġodda waqt skavi li saru fil-mina li saret biex il-pellegrini jgħaddu mill-Bażilika tal-Agunija taħt it-triq għall-Wied tal-Kidron. Instab banju ritwali Lhudi (*Mikveh*) tal-1 seklu, mela ta' żmien Ġesù, li hu prova li dik iż-żona agrikola kienet abitata u li hemm kien jintagħsar iż-żejt (il-Lhud għandhom regoli ta' purità ritwali rigward l-għasir taż-żejt taż-żebbuġa u tal-għenba tal-inbid). Instabu wkoll fdalijiet ta' bażilika Biżantina u ta' monasteru jew ospizju ta' żmien il-Kruċjati, kollha xhieda li l-Ġetsemani hu mimli tifkiriet ta' Ġesù u l-Appostli, li kienu miżmuma b'għożża minn ġenerazzjonijiet sħaħ ta' Kristjani matul is-sekli.

## Riferenzi:

G. GOLUBOVICH, *Biblioteca Bio-Bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*, Tomo V (dal 1346 al 1400), Collegio S. Bonaventura, Quaracchi 1927, 83-87, 297-299; D. PRINGLE, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*, Volume III: The City of Jerusalem, Cambridge University Press 2010, No. 292, 98-103.




*Fr Charles Buttigieg*



L-Immakulata mimlija bil-Grazzja quddiem Alla

Alla permezz tal-anġlu Gabrijel ikellem lill-Madonna u jindirizzaha bħala dik li hija 'mimlija bil-grazzja'. Il-kelma Griega għall-grazzja hija *charis*, waqt li dik Ebrajka hija *hanan*, termini li jfissru wkoll 'favur quddiem Alla'. Il-Bibbja turina kontinwament dan il-kobor tal-Madonna bħala l-qaddejja ta' Alla mimlija bil-grazzja. Din l-istorja ta' imħabba hija inizzjattiva ta' Alla li jitfa' l-ħarsa tiegħu fuq din il-kreatura 'grazzjuża'. Sa mill-eternità Alla għażel biex tkun Omm Ibnu, waħda minn ulied Israel, tfajla Lhudija minn Nazaret tal-Galilija, " ... xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija." (Lq 1:26-27). Dik li kienet fost iċ-ċkejknin ta' Israel ġiet magħżula sabiex tkun Omm il-Feddej, l-Immakulata Kunċizzjoni. Kien għalhekk li l-anġlu fit-tħabbira tiegħu, isellem lil Marija bħala "mimlija bil-grazzja", bil-Grieg oriġinali: *kecharitomene* (bil-Latin: *gratia plena*) liema kelma hija marbuta mat-terminu *charis* u mal-verb *charito* (Lq 1:28). Marija tilqa` bil-ferħ il-missjoni fdata lilha: "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej; ikunli skont kelmtek" (Lq 1:38).

## L-Immakulata Kuncizzjoni fil-Bibbja

Interessanti li fil-Bibbja, Marija hija mxebbha mas-siġra taqbad bla ma tinħaraq fl-episodju fejn Mosѐ jiltaqa' ma' Alla fuq il-Ħoreb kif naraw f'Eżodu 3:2-5. San Girgor Nissenu jgħidilna hekk: "Kif fuq il-muntanja l-għollieq kien jaqbad bla ma jinħaraq, hekk ukoll il-Verġni Marija welldet lil Dak li hu dawl u baqgħet verġni". Għaliex Marija hija mimlija bil-grazzja u bil-qdusija u d-dnub qatt ma għamel parti mill-eżistenza tagħha kif nemmnu fid-domma tal-Immakulata. Insibu wkoll is-sħaba bħala figura tal-preżenza ta' Alla, s-sħaba li takkumpanja lill-poplu Lhudi fid-deżert, issa fil-Ġdid Testment takkumpanja lil Marija kif naqraw: "Il-Qawwa tal-għoli tgħattik…" (Lq 1:35). Il-Madonna hija mxebbha mal-ġnien, anzi mal-għalqa tad-dwieli (il-*kerem*, il-Karmelu), kif insibu fil-Ktieb tal-Bin Sirak 24:23-25: "Jien bħal dielja, irmajt żraġen il-ġmiel tagħhom, jien l-Omm ta' l-Imħabba sabiħa fejn tinsab kull grazzja". Il-Madonna hija marbuta mas-siġra jew mar-rimja ta' Ġesse kif raffigurat fil-pittura ta' Geertgen tot Sint Jans tal-1490 li tinsab fir-Rijksmuseum ta' Amsterdam. Il-Madonna hija tassew dak il-ġnien tassew sabiħ, kollu safi u

qdusija: 'Tota pulchra es Maria'. Marija mħabbra mill-profeti hija l-Eva l-ġdida (ara Is 7:14 u Ġer 31:22).

Insemmu ukoll l-episodju taż-żjara tagħha għand Eliżabetta ġewwa Ain Karim, vjaġġ ta' madwar 130 km: "F'dawk il-ġranet, Marija qamet u marret tħaffef lejn il-għoljiet f'belt tal-Lhudija, daħlet għand Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Marija baqgħet għand Eliżabetta għal xi tliet xhur u mbagħad reġgħet lura lejn darha" (Lq 1:39-56). Għandna t-tislima ta' Santa Eliżabetta lill-Madonna: "Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek", u l-innu ta' tifħir li joħroġ minn fomm Marija: il-Magnificat (Lq 1:46-55).

## L-Immakulata Kuncizzjoni fl-Istorja tal-Knisja

F'talba antika nsibu b'kelmiet profondi dwar il-kobor ta' Marija mimlija bil-grazzja: "Ifraħ, o Verġni Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla; Int li emmint għall-kelmiet ta' l-anġlu Gabrijel: filwaqt li bqajt xebba bla mittiefsa. Omm Alla, itlob għalina!" Fil-Bażilka ta' San Marku ġewwa Venezja nsibu mużajk ferm interessanti tas-seklu tnax tal-Annunzjazzjoni, fejn l-anġlu jidher lill-Madonna waqt li kienet qed ittella' l-ilma mill-bir. Il-ġarra tal-ilma hija simbolu tal-Madonna mimlija bil-grazzja li bħala reċipjent tilqa' lil Ġesù fil-ġuf tagħha sabiex tagħtih lid-dinja. B'din it-tħabbira li saret lil Marija mill-anġlu, immarkat il-bidu tal-milja taż-żminijiet permezz tal-misteru tal-Inkarnazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Marija hi għalhekk l-Omm dejjem Verġni li tat lil Sidna Ġesù Kristu lid-dinja u li tkompli turih lid-dinja ta' kull żmien fil-ħajja tal-Knisja. Illum f'Nazaret wieħed isib il-Bażilika tal-Annunzjazzjoni, il-post mill-iktar sagru fejn il-Madonna laqgħet fi ħdanha l-Kelma ta' Alla li saret laħam għalina. Anke l-eqdem knisja fid-dinja dik ta' Dura Europos fis-Sirja l-episodju tat-tħabbira tal-Madonna huwa marbut mal-Madonna ttella' l-ilma mill-bir.

Missirijiet il-Knisja jsejħu lill-Madonna bit-titlu Grieg ta' *Panaghia*, jiġifieri dik li hi 'kollha kemm hi qaddisa', jiġifieri mfawra bil-qdusija, mimlija bl-Ispirtu





s-Santu u li hija tassew 'Omm Alla', *Theotokos*. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-Enċiklika tiegħu, *Redemptoris Mater*, dwar is-sehem tal-Madonna fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja, fin-numru 8 jikteb: "B'mod tassew speċjali u eċċezzjonali, Marija hi marbuta ma' Kristu, u bl-istess mod hi maħbuba għal dejjem f'dan l-Iben il-Maħbub, l-Iben li hu ta' l-istess natura tal-Missier, u




li fih tinġabar il-milja kollha tal-glorja tal-grazzja."

Anke l-ħidma ekumenika qegħda tifhem aktar dan l-għarfien dwar ir-rabta tal-Madonna ma' Kristu kif rajna fid-dokument ta' stqarrija komuni dwar il-Madonna bit-titlu: "Marija: grazzja u tama fi Kristu", imħejji mill-Kummissjoni Internazzjonali Anglikana - Kattolika. Ta' min jgħid ukoll li l-Knisja Kopta fl-Eġittu fil-kalendarju liturġiku tagħha għandha tletin festa marbuta mal-Madonna mimlija bil-grazzja. Ejjew aħna lkoll insellmu lil Marija Immakulata b'din l-istess tislima 'Mimlija bil-Grazzja', ħalli aħna ukoll inkunu taħt l-istess ħarsien tagħha fil-mixja tagħna f'ħajjitna.

## Bibliografija

De Fiores, S., *Maria nel mistero di Cristo e della Chiesa*, Roma 1995.

De la Potterie, I., "Kecharitomene en Lc 1,28. Etude Philologique", in *Biblica* 68 (1987) 357-382.

Muzj, M.G., "Madre di Dio 'Roveto ardente'", in *Riparazione Mariana* 1 (1992).

O'Carroll, M., *Theotokos. A Theological Encyclopedia of the Blessed Virgin Mary*, Washington – Delaware 1982.

Passarelli, G., *L'icona della Madre di Dio, con inno Akathistos*, Milano 1992.

Quarles, C.L. "The Protoevangelium of James as an alleged parallel to creative historiography in the synoptic birth narratives", in *Bulletin for Biblical Research* 8 (1998) 139-149.

Rossier, F., "Kecharitomene (Lk.1:28) in the light of Gen 18:16-33: a matter of quantity", in *Marian Studies* 55 (2004) 159-183.

Sendler, E., *Le Icone Bizantine della Madre di Dio*, Milano 1995.

Stacpoole, A. (ed.), *Mary's Place in Christian Dialogue*, Middlegreen (U.K.) 1982.



# IL-ĠARRA MKISSRA (ĠER 19). (2)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Fil-kapitlu dsatax tal-ktieb ta' Ġeremija niltaqgħu ma' xena oħra u li l-bidu tagħha, mela l-aġent, huwa wkoll Alla omnipotenti. Għalhekk dan Alla jamar lil Ġeremija biex imur jixtri ġarra, isejjaħ numru ta' personalitajiet minn Israel fosthom anzjani biex quddiemhom biswit il-Bieb ix-Xaqquf ikisser il-ġarra li jkun xtara. Dan il-ġest li kien obbligat jagħmel Ġeremija ġie segwit minn kliem aħrax u iebes ta' tifsir. "Hekk għad inkisser dan il-poplu ta' din il-belt bħalma titkisser ġarra tal-fuħħar, bla ma tkun tista tissewwa'" (Ġer 19,11).



## Ġrajja u tifsir

Din hija xena u kliem mimli theddid qawwi kontra Ġerusalemm u n-nies li jgħixu fiha b'mod speċjali l-kapijiet tagħha. U f'liema żmien kien meta saret din ix-xena tal-ġarra mkissra u l-kliem iebes tassew! Kien qrib ħafna tas-sena 605 meta f'dak iż-żmien ukoll intisġet xena oħra qawwija u drammatika tassew. Din il-ġrajja taħraq qiegħda fil-kapitlu sitta u tletin ta Ġeremija.

Dakinhar is-sultan Ġeħojakim sama' lil Baruk jaqralu mill-ktieb spirata ta' Ġeremija. Dan il-kliem xejn ma għoġob lis-sultan Ġeħojakim u billi l-kuxjenza tiegħu niggżitu sew, naturalment għaliex ma kienx miexi skont dak li sama', b'rabja fuqu qabad u ħaraq il-ktieb kollu fil-kenur sakemm "il-ktieb kollu ntemm fin-nar" (Ġer 36,23). Probabbilment kien dak li għamel Ġeremija mill-ġarra li wassal li Ġeħojakim sa hawn. B'dak li għamel Ġeħojakim ħaseb li se jikkalma l-kuxjenza tiegħu.

## Kuntest qawwi ħafna.

Is-sitwazzjoni, ż-żmien, il-post u l-kuntest ta' din il-ġrajja huwa wieħed qawwi ħafna! Hawn ordni ċara u diretta ta' Alla lil Ġeremija. Fl-azzjoni ta' Ġeremija li jkisser u jfarrak il-ġarra tal-fuħħar hija sitwazzjoni li xejn mhu faċli li treġġa' kollox lura. Dan ifisser li huwa impossibbli li wara li tkun kissirt ġarra issa tista' qatt toħlom li terġa' tgħaqqadha mill-ġdid. Hawn qiegħdin fl-impossibbli! U n-nies tal-post, li dak iż-żmien ix-xogħol tal-fuħħar kien wieħed tant komuni, fehemu sewwa l-kliem, l-azzjoni u t-tifsira sħiħa tagħha!

"Inti mbagħad tkisser il-ġarra quddiem in-nies li jiġu miegħek" (Ġer 19,10): Din l-azzjoni ta' Ġeremija flimkien mat-tkisser fejn kollox isir frak u laqx ifisser sitwazzjoni ta' dispranent, dan għaliex dak il-frak qatt mhu se jirnexxilek tgħaqqdu mill-ġdid.

Il-kliem ta' Ġeremija dwar ix-xorti tal-belt ta' Ġerusalemm, tfakkar kważi fl-istess kliem li snin wara qal Ġesù dejjem fuq l-istess belt tiegħu Ġerusalemm. U jekk kliem Ġeremija kien wieħed iebes, ċar u dirett, xejn anqas kien kliem Ġesù: "Ġerusalemm Ġerusalemm, int li toqtol il-profeti u tħaġġar il-messaġġiera mibgħutin lilek kemm-il darba ridt niġbor lil uliedek bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha, u int ma ridthiex! Ara darkom għad iħalluhielkom ħerba! (Mt 23, 37-38).

Dan l-istess ħsieb ta' dispjaċir lejn il-belt il-qaddisa qiegħed ukoll f'Luqa 19,41. F'dan il-kuntest Ġesù jagħmel xi ħaġa oħra rari ħafna f'ħajtu. Ġesù tant ħass għafsa ta' qalb għal beltu meta ftakar x'kien se jiġrilha fil-ġejjieni tant ħassu kommoss u mqanqal li beka fuqha (Lq 19,41). "Għax għad jiġi żmien fuqek meta l-għedewwa tiegħek idawruk b'rampa u jagħlquk minn kullimkien" (Lq 19,43).

## Żmien ta' dekadenza

Il-ġrajja tal-ġarra mkissra ġrat fi żmien storiku tassew meta l-idolatrija fil-belt,

saħansitra fit-tempju, kienet fl-aqwa tagħha. Ir-riforma li pprova jagħmel is-sultan Ġosija, u din swietlu ħafna tbatija, firdiet u glied mal-istess kbarat ta' madwaru, ma swiet għal xejn. Ninsabu bejn is-snin 640 u 609. "Bnew is-santwarji ta' Bagħal, biex jaħarqu bin-nar lil uliedhom b'sagrifiċċju tal-ħruq lil Bagħal" (Ġer 19,5). Dan is-sagrifiċċju jissejjaħ Molok: Aktar 'l isfel minn daqshekk idoltarija żgur li wieħed ma jistax jinżel u jogħdos.

U hawnhekk issa fix-xena tal-ġarra mfarrka Ġeremija jrid iwassal il-messaġġ li min mhux lest li jdur b'rieda u sinċerità lejn Alla, jixbah lil dak iċ-ċaqquf imkisser u mormi u ma jiswa għal xejn iżjed ħlief li jiġi misħuq minn riġlejn in-nies. Dan huwa tassew messaġġ qawwi; wieħed ma għandu qatt jilqa' u jaċċetta jew jixrob kollox mingħajr qabel ma jgħarbel sew. Hemm waqtiet fil-ħajja fejn wieħed għandu jħoss li ma jistax jilqa' u jaċċetta kollox b'għajnejh magħluqa!

Forsi ikun hawn min jistaqsi, imma possibbli li fil-belt il-qaddisa - Ġerusalemm - u saħansitra fl-aktar post għażiż u qaddis għal-Lhud, mela t-tempju, kien hemm min wasal sa dan l-istat hekk ikrah u ta' min jikkundannah!? It-tweġiba neħduha minn kliem Ġeremija nnifsu: "Għax huma telquni u pprofanaw dan il-post billi ħarqu l-inċens lill-allat barranin li, la huma, la missirijiethom, u lanqas is-slaten ta' Ġuda ma kienu jafu bihom. Imlew dan il-post bid-demm ta' l-innoċenti" (Ġer 19,4). Hekk hu r-riferenza għas-sagrifiċċji Molok.

## Analiżi tas-sitwazzjoni.

Il-kliem tal-profeta fih tliet livelli, wieħed aktar qawwi, orribbli u diżuman mill-ieħor! L-ewwel livell huwa li l-poplu telaq u abbanduna lil Alla! Ma baqgħux jagħrfu lil Alla bħala l-ħallieq u l-konservatur tal-ħajja sħiħa u umana tagħhom. Issa aħna nafu li l-poplu Lhudi huwa poplu monoteista, jiġifieri jqim lil Alla wieħed. Imma kliem Ġeremija hawn qed juri xorta oħra.

Dan Ġeremija diġà kien wera l-istess ħsieb bi kliem ieħor figurattiv: "Għax tnejn huma d-dnubiet tal-poplu tiegħi: telqu lili, l-għajn tal-ilma ġieri, biex ħaffru bjar għalihom, bjar miksura li ma jżommux ilma" (Ġer 2,13). Din l-idolatrija mhix neċessarjament il-qima lil xi idoli oħra. Hawn ta' min isemmi l-flus, il-poter, il-qerq, u l-inġustizzji. L-idolatrija huwa wkoll atteġjament ta' kif wieħed jitlaq u jabbanduna 'l Alla! Anzi ma jasal qatt biex jagħrfu bħala l-ħallieq u dominatur ta' kollox. Alla huwa dak li għandu jiġi adurat, meqjum u rringrazzjat mingħajr ebda kundizzjoni ta' ħadd u ta' xejn!

It-tieni ħtija gravi u li ttaqqal fuq spallejn il-poplu huwa l-fatt li dawn "ipprofanaw dan il-post qaddis billi ħarqu l-inċens lill-allat barranin". Issa huwa fatt indiskutibbli li t-tempju ta' Ġerusalemm, għall-poplu Lhudi, huwa l-post uniku fid-dinja kollha fejn għażel Alla biex hemm jagħmel l-għamara tiegħu fost il-bnedmin. Meta Salamun għall-ewwel darba kkonsagra dan il-maqdes lil Alla "... is-sħaba mliet it-tempju tal-Mulej... għax il-





glorja tal-Mulej kienet imliet it-tempju tal-Mulej" (1 Slat 8,10-11). Għalhekk mela t-tempju kien sar l-eqdes, l-ogħla u l-iprem post fejn il-Lhud kienu jmorru jitolbu, jirringrazzjaw u joffru 'l ħafna u ħafna debħiet tagħhom lil Alla.

Barra dan fil-parti ta' ġewwa nett kien hemm l-arka tal-patt miżmuma b'għożża u mħabba kbira. Hemm darba fis-sena kien jidħol il-qassis il-kbir li bid-demm tal-bodbod iroxx fuq l-għatu – *kapporet*– tal-arka u fuq in-nies. U fl-istess waqt isemmi l-isem ta' Alla.

Issa quddiem din il-qdusija kollha tat-tempju, Ġeremija qiegħed jara dik il-profanazzjoni li tkexkxek! In-nies tant għamew, tant tbiegħdu minn Alla ħaj u veru li bdew jaħarqu l-inċens quddiem allat oħra, allat li għandhom il-għajnejn u ma jarawx, għandhom il-widnejn u ma jisimgħux (S 115, 5-6). Sa dan l-att l-aktar baxx u mimli idolatrija wasal il-poplu l-magħżul! U għalhekk allura l-kastig kien wieħed tassew fil-qrib! Il-ġarra kienet tassew waslet fi stat tat-tkissir.

It-tielet ħtija gravi, kera u tqila hija t-tixrid ta' demm innoċenti. Din hija tassew xi ħaġa tat- tkexkix, xi ħaġa diżumana għal kollox. Il-kliem ta' Ġeremija huwa ċar u dirett ħafna: "Bnew is-santwarji ta' Bagħal, biex jaħarqu bin-nar lil uliedhom b'sagrifiċċji tal-ħruq lil Bagħal." (Ġer 19,5). Diżumanità aktar baxxa minn din wieħed la jista' jimmaġina u anqas jaħseb. Toqtol it-trabi, mela persuni umani, biex dawn toffrihom lil alla falz Bagħal!!

Fi żminijietna l-ibliet sekularizzati ma jagħtux kas, anqas biss jgħaddi minn moħħhom li l-ġlied bejn l-aħwa, il-mibegħda ta' wieħed lejn l-ieħor, bħala bażi għandhom id-disprezz tal-aħwa u l-qima li wieħed għandu lejh innifsu. Egoiżmu sfrenat, awtonomija biss lejn dak kollu li huwa ta' din l-art. Il-bniedem tal-lum ma jaċċetta qatt lil Alla, u lil dan bħala s-sieħeb awtorevoli tiegħu. Il-bniedem ma jasal qatt biex jifhem u jilqa' li Alla jistħoqqlu min iqimu, min jadurah min iservih.

## Ġeremija u Ġesù.

Il-kliem theddid tal-profeta Ġeremija joqrob ħafna lejn dak ta' Ġesù, meta dan għallem dwar il-hena vera u hena qarrieqa. "Imma ħażin għalikom, intom l-għonja, għax il-faraġ tagħkom ħadtuh. Ħażin għalikom intom li għalissa mxebbgħin, għax għad tkunu bil-ġuħ. Ħażin għalikom intom li għalissa tidħku, għax għad tnewħu u tibku. Ħażin għalikom meta kulħadd isemmikom fil-ġid. Għax l-istess għamlu missirijiethom lill-profeti foloz!" (Lq 6, 24-26). Il-profeta qiegħed jgħid hekk: 'Ħażin għalik belt, li tistrieħ fuq il-għana u l-kummerċ; ħażin għalik li tidħak b'mod sarkastiku biex l-ieħor ibati; ħażin għalik li taħqar, tgħakkes u tweġġa' lill-iltim u l-armla fqira; ħażin għalik li tqarraq fil-miżien, fil-kejl u l-kwalità u fil-ħin biex int tħaxxem dejjem aktar butek.'

Ix-xena tal-ġarra mkissra u mfarrka għalkemm ilha snin kbar li ġrat imma għad għandha eku ċar, preċiż u qawwi għal żminijietna. It-tifsira sħiħa ta' din il-ġrajja ta' Ġeremija, saħħaħha u ssiġillaha Kristu stess bit-tagħlim tiegħu.



*Profeta Isaija*

# ĦJIEL TA' ĠOGRAFIJA BIBLIKA (II)

***Marcello Ghirlando***

## Toroq, Fruntieri u Ismijiet

It-toroq fiż-żona tal-Palestina u madwar dejjem tqiesu importanti ħafna għaliex kienu l-arterji kummerċjali li jagħtu l-ħajja, minbarra li spiss kienu għodda tajba għall-ħakkiem barrani biex jaħkem fuq il-popli li kienu jgħixu f'din l-art. Il-ġografija tal-art offriet mogħdijiet u toroq li ftit li xejn tbiddlu matul is-sekli u li mmarkaw liema kellhom ikunu ż-żoni abitati jew le. Fil-Palestina nsibu tliet tipi ta' rotot: it-toroq internazzjonali li wrew bid-deher kemm din l-art serviet bħala pont, it-toroq interni u l-mogħdijiet. Fil-perijodu bibliku t-toroq kienu jsiru billi jitneħħa l-ġebel u fejn kien meħtieġ isir il-livellar tat-triq. F'Iżaija 62:10 nsibu: *Għaddu, għaddu mill-bibien, wittu t-triq għall-poplu! Rawmu, rawmu t-triq, naddfuha miż-żrar!...* (ara wkoll: 40:3; 57, 14; Ġeremija 18:15). Biex nifhmu liema kienet ix-xibka tat-toroq matul is-sekli rridu nżommu quddiem għajnejna dak li tgħid il-Bibbja, iskrizzjonijiet antiki ġejjin mill-Eġittu u l-Assirja, speċjalment fir-rakkonti tal-vjaġġi u l-mixja tat-toroq tal-perjodu Ruman u wara.

**It-Toroq Internazzjonali**: dawn kienu prinċipalment tnejn: it-Triq tal-Baħar (*Via Maris)* u t-Triq tas-Slaten *(Via Regia).*

It-Triq tal-Baħar kienet timxi matul il-kosta. Matulha nbnew l-ibliet l-aktar antiki u kienet l-arterja prinċipali li tagħti l-ħajja lil din l-art. Min kien jiddomina din it-triq u l-fergħat tagħha kien jaħkem fuq l-art. Fuq din it-triq prinċipali nsibu diversi xhieda fil-kitbiet Eġizzjani u Assiri. Fil-Bibbja nsibu riferenza f'Iżaija 8;23b: *Bħalma qabel fl-imgħoddi kien mela bl-għajb l-art ta' Żebulun u l-art ta' Naftali, hekk issa fl-aħħar isebbaħ it-triq tal-baħar, 'il hemm mill-Ġordan, il-Galilija tal-*

*Fdalijiet tas-sinagoga ta'Kafarnahum IV Seklu*



*ġnus.* Iżaija jsejjaħ iż-żona kostali tat-tramuntana bħala t-triq tal-baħar, triq li mill-pjanura ta' Saron kienet tinqasam f'diversi fergħat. Waħda minnhom kienet tibqa' sserrep mal-kosta tal-Feniċja. Fuq in-naħa ta' lvant il-fergħat tat-triq kienu jitilgħu mill-pjanura ta' Ġiżragħel lejn il-Beqagħa Libaniża u lejn Damasku u l-Mesopotamja. Fir-rakkont ta' l-Eżodu (13:17) din it-triq hija msejħa 'it-triq lejn art il-Filistin'. Ħafna drabi bit-titlu *Via Maris* nifhmu din il-ġabra ta' triqat, anke jekk il-fergħat probabbilment ma kinux magħrufa hekk.


*Il-belt moderna ta' Sidon*

Fost l-għejun Eġizzjani li jagħtu deskrizzjoni tajba ta' din it-triq u l-fergħat tagħha nsibu l-parti ġeografika fl-Ittra tal-iskriba Eġizzjan Ħori li għex fi żmien is-saltna ta' Ramses II (Papiru Anastasi I). Jidher li dan l-iskriba kien midħla sewwa ta' din it-triq, il-fergħat tagħha u l-ibliet li kienu mibnija magħhom. Ħaġa simili nsibuha fil-'mappa' ta' Seti I. Tingħata importanza lill-ibliet fin-nofisinhar tat-Triq tal-Baħar minħabba l-fatt li dawn spiss kienu taħt l-awtorità Eġizzjana. Insibu wkoll xi dettalji ġeografiċi fl-għejun ġejjin mill-Assirja.

B'mod sempliċi (u bil-Ġdid Testment quddiemna) nistgħu ngħidu li din it-triq minn Damasku kienet tidħol fil-Palestina ħdejn dik li kellha tkun il-belt ta' Ċesarija ta' Filippu. Kienet tinżel lejn l-Għadira ta' Ħùle, il-belt ta' Korażajn u mbagħad lejn il-belt ta' Kafarnahum fuq ix-xtajta tal-Għadira tal-Galilija.


*Sarkofagu - Skriba Ħori*




Minn hawn din it-triq kienet tibqa' miexja matul ix-xtajta tal-Għadira u tibqa' sejra fejn aktarx kien hemm ir-raħal ta' Magdala u mbagħad lejn il-belt ta' Tiberija. Minn hawn din it-triq kummerċjali kienet taqsam il-pjanura ta' Ġennesaret u tmur lejn Wadi el-Ħamam. Minn dan il-wied kienet tfiġġ l-Għolja tat-Tabor u ddur qrib ir-raħal ta' Najm, taqsam il-pjanura ta' Esdrelon lejn Megìddu minn fejn taqbad il-Wadi el-Araħ lejn il-kosta tal-Mediterran. Hawnhekk kienet tingħaqad mat-triq ewlenija li mill-Eġittu kienet titla' sal-Feniċja, triq li kienet tgħaddi minn 'Askalon, Ġoppa, Għakku u tibqa' tielgħa lejn Tir u Sidon. Din l-istess triq kellha fergħa oħra li minn Megìddu kienet tinżel lejn Betsan, taqsam ix-xmara Ġordan u jew tmur lejn Gadara u Abila biex tingħaqad mat-triq tas-Slaten jew inkella tmur lejn Ħippos u mbagħad tibqa' tielgħa lejn il-Golan minn fejn kienet tingħaqad mat-triq tas-Slaten u tibqa' sejra lejn Damasku.

It-Triq tas-Slaten (Numri 20:17; 21:22) kienet taqsam l-għoljiet tat-Transġordanja, maġenb id-deżert, u tibqa' tielgħa sa Damasku. Din it-triq kienet titlaq mid-deżert ta' l-Għaraba, titla' għal Bosra, Ħesbon, Rabba, Ramot u lejn il-pjanuri ta' Ħawran, Basan u 'l fuq lejn Damasku. Anke din kienet triq kummerċjali, partikolarment importanti għall-ġarr tal-fwejjeħ min-nofsinhar tal-Għarabja. Għal żmien twil din kienet maħkuma min-nomadi u l-karovani tagħhom, li fil-bidu żammewha ħielsa minn kull insedjament jew fortifikazzjoni. L-isem huwa meħud mill-Bibbja (Numri 20:17; 21:22) u l-parti tat-tramuntana hija magħrufa bħala t-Triq ta' Basan (Numri 21:33; Dewteronomju 3:1). Meta fuq din it-triq inbnew diversi insedjamenti matul l-istorja, din saret aktar

importanti. Imma anke meta dawn naqsu, baqgħet dejjem tintuża bħala triq kummerċjali min-nomadi.

**Toroq Lokali:** Il-Palestina kellha wkoll xibka ta' toroq li kienu jgħaqqdu ż-żewġ toroq l-kbar msemmija mill-majjistral għal-lvant. Minħabba t-topografija ġejografika ftit kien hemm toroq oħra li kienu jaqsmu mit-tramuntana għan-nofsinhar ħlief triq li kienet taqsam l-għoljiet ċentrali tal-pajjiż. L-ibliet prinċipali ta' din iż-żona kienu mibnija maġenb din it-triq: Birsaba, Ħebron, Betlehem, Ġerusalemm, Betel, Sìkem. Minn Sìkem it-triq tinqasam fi tnejn, triq fid-direzzjoni tas-Samarija lejn il-pjanura ta' Ġiżragħel u oħra fid-direzzjoni tal-Wied ta' Betsan. Triq oħra lonġitudinali kienet dik tal-Wied tal-Ġordan, minn Ġeriko għal Betsan. Triq simili kienet timxi 'l isfel mill-Għarabah, fin-nofsinhar tal-Baħar il-Mejjet, li kienet tgħaqqad lil Tamar u Zoar ma' Elat, magħrufa bħala t-triq tal-Baħar tal-Qasab (Eżodu 13:18).

Aktar numerużi huma t-toroq li kienu jgħaqqdu t-Triq tal-Baħar mat-Triq tas-Slaten. Fin-Negeb kien hemm triq li tgħaqqad Kadis-barnija man-nofsinhar tal-Għaraba, waħda minn Għarad lejn l-Għaraba u oħra li kienet tgħaqqad Gaza, Ġerar, Birsaba u Għarad. F'Ġuda wkoll kien hemm diversi toroq: dik li tgħaqqad Lakis ma' Ħebron u toroq li kienu jibdew minn Lakis għal Betlehem, għal Ġerusalemm u għal Betxemex. It-triq ta' Betħoron, strateġikament importanti u ffortifikata tajjeb fi żmien Salamun, hija msemmija fil-Bibbja fl-1 Samwel 13:18. It-telgħa ta' Betħoron isserrep lejn Gibgħon u lejn Ġerusalemm. Fost it-toroq li mill-Għoljiet ta' Ġuda jinżlu lejn il-Wied tal-Ġordan ta' min isemmi dik li minn Ġerusalemm kienet tieħu għal Ġeriko, triq li kienet taqsam 'it-telgħa ta' Adummin' (Ġożwe 14:7). Ta' min isemmi wkoll it-triq li minn Ħebron kienet tinżel lejn Għajn-geddi, triq li kienet taqsam lejn Mowab.

Fl-Għoljiet ta' Efrajm kien hemm triq importani li kienet titlaq mis-Saron lejn is-Samarija, Sikem u mbagħad tinżel 'l isfel lejn Tirsa minn Wadi Farah



*Id-desert tan-Negeb*


Papiru Anastasi I

u tasal sal-belt ta' Adam. Aktar fin-nofsinhar kien hemm triq oħra li minn 'Afek kienet tinżel lejn Betel u tibqa' nieżla lejn Ġeriko. Hija deskritta fil-Bibbja bħala t-triq li minnha ħarab Ġożwe u Israel kollu min-nies ta' Għaj u Betel (Ġożwe 8:15).

Fil-Galilija kien hemm triq li kienet taqsam in-naħa tan-nofsinhar ta' din iż-żona, mill-Wied tal-Ġordan sal-pjanura ta' Għakku. Din kienet triq li kienet tieħu għaż-żona ta' Ħawran fit-Transġordanja. Toroq oħra li kienu jaqsmu l-Galilija ħarġu għad-dawl mill-katina ta' siti arkeoloġiċi ta' bliet li nbnew matul is-sekli.

Fit-Transġordanja, barra l-fergħat tat-Triq tal-Baħar u tat-Triq tas-Slaten, insibu tliet toroq prinċipali: dik li titlaq mill-pjanura ta' Sukkot u li timxi mal-wied tax-xmara Ġabbok lejn Maħanajm; it-triq li minn Ġeriko kienet titla' lejn Ħesbon; u t-triq li minn Zoar kienet titla' lejn Karnajm.

Toroq oħra żgħar li jissemmew fil-Bibbja, bħalma kienet 'it-triq tal-Balluta tas-Saħħara' (Imħallfin 9:37) u t-triq tal-Għolja taż-Żebbuġ' (2 Samwel 15:30), qrib Ġerusalemm, kellhom biss importanza lokali.

**Fruntieri u Ismijiet**: Il-Palestina hija mdawra b'fruntieri naturali fuq tliet naħat: il-Mediterran fin-naħa tal-majjistral u d-deżert fin-naħa tal-lvant u tan-nofsinhar. Fi lvant, meta d-deżert tat-Transġordanja kien sar żona tan-nomadi, il-Wied tal-Ġordan u l-Baħar il-Mejjet servew ta' fruntieri. Wadi el-Għarix, daqs tletin mil fin-nofsinhar ta' Rafija, spiss kien jitqies bħala l-fruntiera bejn il-Palestina u l-Eġittu. Aktar diffiċli huwa li nsibu fruntiera ġeografika bejn il-Palestina u s-Sirja. Minkejja l-preżenza tal-muntanji tal-Ħermon u l-Anti-Libanu, il-fruntiera hawnhekk kienet tiddependi minn sitwazzjonijiet politiċi u etniċi. Il-ħakkiema barranin dejjem qiesu il-Palestina u s-Sirja bħala art waħda.

Il-kwistjoni tad-diversi ismijiet mogħtija lil din l-art tiddependi miż-żminijiet storiċi differenti u l-kwistjoni tal-fruntieri fid-diversi perjodi. L-ismijiet l-aktar antiki nsibuhom fl-għejun Eġizzjani u Mesopotamiċi u dawn iqisu l-Palestina u s-Sirja bħala żona ġeografika waħdanija.

Fl-għejun Eġizzjani, fi żmien is-Saltna Qadima, jidher l-isem *Hariu-sha*, jiġifieri *l-art ta' dawk li jgħixu fir-ramel*. Jista' jkun li din hija riferenza għad-deżert jew għar-ramel tal-kosta. Fis-Saltna tan-Nofs insibu l-isem *Retenu* u xi għejun jaqsmu din iż-żona ġeografika (Sirja-Palestina) fin-naħa ta' fuq u dik t'isfel. Fi żmien is-Saltna l-Ġdida nsibu żewġ ismijiet: *Djahi* u *l-art ta' Ħurru*.

Fl-għejun Mesopotamiċi, ġejjin mit-tielet u tieni millennju QK, insibu l-isem *l-art ta' Amurru*, jiġifieri *l-art fin-naħa tal-majjistral*, jiġifieri l-art in-naħa tal-majjistral tax-Xmara Ewfrat, sal-*baħar ta' Amurru*, jiġifieri l-Mediterran. Minn hawn ġejja li l-popolazzjoni kienet tissejjaħ *Amurrin*.

Isem ieħor użat sa mis-seklu tmintax QK, u li aħna aktar

għandna għarfien tiegħu, kien *l-art ta' Kangħan*. Il-*Kangħanin* jissemmew għall-ewwel darba fid-dokumenti Eġizzjani f'nofs is-seklu XV QK u dan fis-sens ta' nies nobbli u merkanti. Eku ta' dan insibuh fil-Bibbja (Iżaija 23:8; Ħosegħa 12:7; Sofonija 11:7; Ġob 41:6). *Kinahhu* kien ifisser *vjola,* kulur assoċjat mal-merkanti tal-porpra fil-Feniċja – L-Ittri ta' El Amarna tal-ewwel nofs tas-seklu XIV jużaw il-kliem *Kinahhi, Kanahna, Kinahni* għaż-żona tal-kosta fil-Feniċja, isem estiż għaż-żona aktar wiesgħa tas-Sirja-Palestina.

Dan kollu jsib eku f'wieħed mid-dokumenti l-aktar interessanti tal-Bibbja f'Numri 34:1-12 *"U l-Mulej kellem lil Mose u qallu: "Ordna lil ulied Israel u għidilhom: Intom se tidħlu fl-art ta' Kangħan, din hi l-art li se tmisskom: l-art ta' Kangħan bil-fruntieri tagħha. Il-ġenb tan-nofsinhar jieħu mid-deżert ta' Sin san-naħa ta' Edom; il-fruntiera tan-nofsinhar tibda minn tarf il-Baħar il-Mielaħ lejn il-lvant; imbagħad tilwi għat-telgħa ta' Għakrabbim u tgħaddi minn Sin, sa ma tasal Kadis-barnija; minn hemm tibqa' sejra għal Ħasar-addar, u tgħaddi minn Għasmon, u minn Għasmon iddur mal-wied tal-Eġittu u tasal sal-baħar. Fuq il-fruntiera tal-punent ikollkom il-Baħar il-Kbir; dan ikun il-fruntiera fuq din in-naħa. Il-fruntiera fuq in-naħa tat-tramuntana tkun din: mill-Baħar il-Kbir tiġbdu lejn il-muntanja tal-Ħor; minn Ħor tiġbdu lejn id-daħla ta' Ħemat, u l-fruntiera tibqa' sejra sa Sedad, mnejn tgħaddi lejn Żifron u tibqa' sejra sa Ħasar-għenan. Din tkunilkom il-fruntiera tat-tramuntana. Għall-fruntiera fuq in-naħa tal-lvant tiġbdu linja minn Ħasar-għenan sa Sefam; u din il-fruntiera tibqa' nieżla minn Sefam sa Ribla fuq il-lvant tal-Għajn, u tibqa' nieżla u tmiss il-ġenb tal-baħar ta' Kinneret in-naħa tal-lvant, u tibqa' nieżla mal-Ġordan sal-Baħar il-Mielaħ; din tkun l-art tagħkom b'dawn il-fruntieri madwarha".*



*Via Maris [vjola] - Via Regia [aħmar]*

L-isem *l-art ta' Israel* beda jintuża mal-okkupazzjoni Israelitika. Is-sens tal-isem tbiddel skont is-sitwazzjoni storika. Fil-bidu kien jintuża biex jindika ż-żoni fejn għammru t-tribujiet f'kuntrast maż-żoni tal-Filistin u l-Kangħanin (1 Samwel 13:19). Fi żmien is-saltna l-isem ħa tifsira jew aktar wiesgħa (it-tribujiet flimkien) jew tifsira limitata meta ntuża biex jindika l-ġabra tat-tribujiet tat-tramuntana. Wara l-qsim tas-saltna, l-isem kien jintuża għas-Saltna tat-Tramuntana, is-Saltna ta' Israel.

F'sens wiesa' l-art ta' Israel kienet dik *minn Dan sa Birsaba* (2 Sanwel 24:2). Iċ-ċensiment magħmul minn Ġowab jagħtina deskrizzjoni ġeografika interessanti: "Qasmu l-Ġordan, u bdew minn Għarogħer u mill-belt li tinsab f'nofs il-wied, u minn hemm baqgħu sejrin lejn Gad sa Ġagħżer. Imbagħad waslu f'Gilgħad u fl-inħawi ta' taħt il-Ħermon. Baqgħu sejrin sa Dan u minn Dan daru lejn Sidon. Ġew fil-fortizza ta' Tir, u fl-ibliet kollha tal-Ħiwwin, u tal-Kangħanin sa ma waslu fin-Negeb ta' Ġuda f'Birsaba" (2 Samwel 24:5-8).

F'sens limitat l-isem kien jintuża biex jindika s-Saltna

ta' Fuq f'kuntrast mas-Saltna ta' Ġuda (2 Slaten 5:2; 6-23), fin-naħa tan-nofsinhar, immexxija mid-dinastija ta' David. Il-fruntieri bejn dawn iż-żewġ saltniet tbiddlu skont iċ-ċirkustanzi storiċi. Kien biss wara l-waqgħa tas-Samarija, u fl-aħħar jiem tas-Saltna ta' Ġuda waqt l-espansjoni magħmula taħt is-Sultan Ġosija, li l-isem Israel reġa' beda jintuża kif kien fil-bidu. F'dan il-kuntest l-isem *l-art ta' Ġuda/tal-Lhudija* għall-ewwel kien jintuża biex jindika l-wirt tal-art tat-tribù ta' Ġuda, bejn Ħebron u Ġerusalemm; wara ntuża għat-tribujiet tan-nofsinhar li nġabru fis-Saltna tan-Nofsinhar, ta' Ġuda, wara l-qasma tas-saltna. Wara l-eżilju l-isem *Lhudija* kien jindika l-provinċja Persjana fil-Palestina, u fi żmien d-Dinastija ta' l-Asmonin l-isem beda jiddeskrivi l-Palestina kollha. Kien għalhekk li r-Rumani taw l-isem *Provincia Judaea* lill-Palestina. Wara t-tieni rewwixta tal-Lhud kontra r-Rumani, fil-bidu tat-II seklu WK, l-Imperatur Adrijanu biddel l-isem f'*Provincia Syria Palaestina*, *Palaestina* fil-qosor. Niftakru li l-isem *Palaestina* hija l-forma ellenistika tal-isem *art tal-Filistin* (Ġenesi 21:32.34). Huwa isem li Adrijanu ried juża biex ineħħi l-isem Ġuda. San Ġirolmu, fil-V seklu WK għalhekk seta' jikteb: "*Judaea quae nunc appellatur Palaestina*", "*Il-Lhudija li issa hija msejħa Palestina*".

## Xi bibliografija li tista' tgħin għall-approfondiment tal-Ġografija u l-Istorja Biblika


AHARONI YOHANAN, *The Land of the Bible, a Historical Geography*, Burns and Oates, London 1979.

AHARONI YOHANAN - AVI-YONAH MICHAEL, *The Macmillan Bible Atlas. Revised Edition*, Carta, New York - London, 1977.

AHARONI YOHANAN - AVI-YONAH MICHAEL – RAINEY A.F. – SAFRAI Z., *The Carta Bible Atlas*, Carta, Jerusalem 2002.

AVI-YONAH M, *The Holy Land, A Historical Geography from the Persian to the Arab Conquest 536 B.C. to A.D. 640*, Carta, Jerusalem 2002.

NEGEB AVRAHAM (Ed.), *The Archaeological Encyclopedia of the Holy Land, Revised Edition*, Jerusalem 1986.

KASWALDER PIETRO A., *Onomastica Biblica*, (*Studium Biblicum Franciscanum, Collectio Minor* 40), Franciscan Printing Press, Jerusalem 2002.

KASWALDER PIETRO A., *La Terra della Promessa*, (*Studium Biblicum Franciscanum, Collectio Minor* 44), Franciscan Printing Press, Jerusalem 2010.

*La Terra del Messaggio, Per un Atlante di Geografia Biblica*, Elle Di CI, Torino 1991.

*Atlas tal-Bibbja, Maqlub għall-Malti mix-xogħol ta' John Strange*, Għaqda Biblika Maltija, Malta 1999.



# GĦALFEJN U LIL MIN INKITBET L-EWWEL ITTRA TA' SAN ĠWANN?

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

## L-awtur

Mir-Raba' Seklu, il-kitbiet kollha ta' San Ġwann, jiġifieri, l-Evanġelju, it-Tliet Ittri u l-Apokolassi, kienu mniżżlin taħt l-isem ta' "Ġwanni," li ħafna drabi hu identifikat ma' Ġwanni, bin Żebedew li jissemma fl-Evanġelju. Ix-xhieda għal dan iżda hija komplessa, u għalhekk illum ħafna mill-istudjużi jippreferu jitkellmu dwar aktar minn awtur wieħed li jagħmel parti mill-komunità/skola ta' San Ġwann. Fir-rigward tad-data ta' meta nkitbu l-Ittri ta' San Ġwann ma nistgħux inkunu ċerti. Żgur li sat-tieni seklu, l-Evanġelju skont San Ġwann u tal-inqas l-Ewwel u t-Tieni Ittri ta' San Ġwann kienu magħrufa għall-Missirijiet tal-Knisja tant illi jikkwotaw minnhom fil-kitbiet tagħhom. Ħafna mill-istudjużi għalhekk jiddattaw dawn il-kitbiet lejn l-aħħar tal-ewwel seklu.[1]

## It-tislimiet tal-bidu tal-aħħar

Fil-bidu tat-Tieni u tat-Tielet Ittra,[2] li huma iqsar mill-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, l-awtur jidentifika lilu nnifsu bħala "il-Presbiteru" (bil-Grieg: *ho presbyteros*) għalkemm jibqa' anonimu.[3] It-Tieni u t-Tielet Ittra ta' San Ġwann isegwu l-forma tradizzjonali ta' kif kienu jinkitbu l-ittri fid-dinja antika, inkluż it-tislima tal-bidu u l-mod li bih kienu jagħlqu l-ittri. It-Tieni Ittra ta' San Ġwann fil-fatt hija indirizzata "lis-Sinjura l-magħżula u lil uliedha," (bil-Grieg: *eklekte kyria kai tois teknois autes*),[4] filwaqt li t-Tielet Ittra hija indirizzata "lil Gaju l-għażiż (bil-Grieg: *Gaio to agapeto*), li jiena nħobb fis-sewwa."[5]

Dawn iż-żewġ Ittri jagħlqu b'tama u xewqa li l-awtur iżur lill-komunità li għaliha kien qed jikteb u b'tislima lill-istess membri ta' din il-komunità. Hekk fi tmiem it-Tieni Ittra, il-Presbiteru jibgħat ix-xewqat minn "ulied oħtok, il-Magħżula (bil-Grieg: *adelphes sou tes eklektes*),"[6] u mill-"ħbieb (bil-Grieg: *hoi filoi*)"[7] fit-tmiem it-Tielet Ittra.

F'kuntrast ma' dawn, l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann ma tirriflettix il-format li bih kienu jinkitbu l-ittri fid-dinja antika tant illi xi studjużi aktar jippreferu li jsejħu din il-kitba bħala ittra ċirkulari, trattat, manifest



jew omelija. Fil-fatt, fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann ma nsibux it-tislima li ssoltu niltaqgħu magħha fil-bidu u fit-tmiem tal-ittri.[8] Minflok, din il-kitba tiftaħ b'introduzzjoni jew prologu li b'xi mod nistgħu nxebbhuh mal-Prologu tal-Evanġelju skont San Ġwann.

Fl-imsemmija Ittra, l-awtur jindirizza lill-komunità li għaliha kien qed jikteb bi kliem bħal "uliedi" (bil-Grieg: *teknia mou*)[9] "għeżież" (bil-Grieg: *agapetoi*),[10] "missirijiet" (bil-Grieg: *pateres*),[11] "żgħażagħ" (bil-Grieg: *neaniskoi*),[12] termini li jirriflettu r-rabta mill-qrib li kien hemm bejn l-awtur u l-komunità li għaliha kien qed jikteb.

## It-tema ċentrali tal-Ittra

It-tema tal-imħabba hija ċentrali f'dawn l-Ittri. Fl-Evanġelju skont San Ġwann diġà nsibu tliet referenzi għall-kmandament il-ġdid ta' Ġesù: "ħobbu lil xulxin."[13] L-Ewwel Ittra ta' San Ġwann tirrepeti l-bżonn tal-imħabba: "uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa";[14] "għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla."[15] Din it-tema nsibuha wkoll fit-Tieni u fit-Tielet Ittra ta' San Ġwann.[16]

Minkejja ċ-ċentralità tat-tema tal-imħabba f'dawn it-tliet Ittri, bosta studjużi jinnutaw "it-tensjoni" jekk



nistgħu nużaw din il-kelma, bejn il-messaġġ tal-imħabba u xi wħud mill-attitudnijiet li dawn l-Ittri jipproponu lill-udjenzi tagħhom. Fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, l-awtur juri ċertu antagoniżmu lejn dawk li huwa jsejjaħ "antikrist" u "qarrieqa."[17] L-awtur qatt ma jidentifika min huma dawn il-persuni, għalkemm jalludi għalihom b'mod indirett fi stqarrijiet polemikużi li nsibu fl-Ittra bħal: "Min hu l-giddieb jekk mhux min jiċħad li Ġesù hu l-Messija? Dan hu l-antikrist, li jiċħad lill-Missier u lill-Iben."[18] Siltiet oħra, imbagħad jidher li jirreferu għall-imġiba xejn tajba ta' dawn il-persuni. Hekk pereżempju naqraw: "Min jgħid 'Jiena nafu' u ma jżommx il-kmandamenti tiegħu, hu giddieb u l-verità mhijiex fih."[19]

Bl-istess mod, it-Tieni Ittra tuża t-termini "qarrieq" u l-"antikrist" għall-għedewwa tal-komunità li għaliha nkitbu dawn l-ittri. Il-qarrejja tal-Ewwel Ittra huma mwissijin sabiex ma jilqgħux fi djarhom lil dawk li ma kinux qed ixandru t-tagħlim veru, b'mod li l-awtur jipprova jiżola lil dawn il-persuni mill-kumplament tal-komunità nisranija li għaliha kiteb din l-Ittra.

## Messaġġ ta' kuntrasti

Ir-raġuni mela għall-kuntrast bejn it-tagħlim dwar l-imħabba li jiddomina f'dawn l-Ittri u l-kundanna ħarxa għal dawk li ma kinux qed jaqsmu l-istess fidi hija d-distinzjoni assoluta bejn il-verità u dak li hu falz. Dawn huma realtajiet totalment opposti u inkompatibbli bħalma hu d-dawl u d-dlam, tixbiha li tintuża spiss f'dawn il-kitbiet. Nistgħu nifhmu għalhekk l-għaliex fil-bidu tal-Ewwel Ittra diġà nsibu miktub dan il-kliem: "Din hi l-aħbar li smajna mingħandu u li qegħdin inxandrulkom: li Alla hu dawl u ebda dlam ma hemm fih."[20]

F'din is-sitwazzjoni urġenti, jekk xi ħadd ried jipperswadi lil xi ħaddieħor x'għandu jagħmel u x'inhu s-sewwa, ried ikun deċiżiv u ċar



fi kliemu. Dan hu dak li jagħmel l-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann. Huwa kien jaf x'inhi s-sewwa u għalhekk jagħmel dan b'mod mill-aktar ċar. Dan kollu wassal biex xi studjużi sejħu dawn il-kitbiet bħala "settarji," argument li bnewh fuq dak li naqraw f'1 Ġw 2:19 – "Dawn ħarġu minn fostna imma ma kinux minn tagħna; li kieku kienu minn tagħna kienu jibqgħu magħna. Għalhekk kien jeħtieġ li jkun magħruf li mhux kulħadd kien magħna."[21]

Dawk li "ħarġu minn fostna" huma kkundannati għall-fatt li issa jappartjenu lid-"dinja" (bil-Grieg: *ho kosmos*) – "Dawk huma mid-dinja; għalhekk jitkellmu skont id-dinja, u d-dinja lilhom tagħti widen."[22] F'kelma oħra dak li l-awtur qed jgħid hawn huwa: aħna ninsabu fit-triq it-tajba, u huma fit-triq il-ħażina! Minħabba f'hekk, l-awtur juri attitudni pjuttost negattiva lejn "id-dinja." Hekk inkomplu naqraw: "Tħobbux id-dinja u anqas dak li hemm fiha. Jekk xi ħadd iħobb id-dinja, l-imħabba tal-Missier ma tgħammarx fih"[23] u "Kulma fiha d-dinja, jiġifieri l-ġibda tal-ġisem u l-ġibda tal-għajnejn u l-kburija tal-ħajja, dan mhuwiex ġej mill-Missier imma mid-dinja, u l-ġibdiet tagħha jgħaddu, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Alla jibqa' għal dejjem."[24]

## Ta' barra barra, u ta' ġewwa ġewwa

Quddiem dan kollu tqum il-mistoqsija: fuq liema kriterju l-awtur jiddistingwi dawk li huma "ġewwa" jew "fil-komunità" minn dawk li mhumiex. L-ewwel kriterju li jiġi ppreżentat f'dan ir-rigward huwa dak etiku li jirrigwarda l-imħabba u l-imġiba t-tajba. "Min jgħid li qiegħed fid-dawl, u jobgħod 'il ħuh, għadu fid-dlam sa issa";[25] "Kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel, u intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja ta' dejjem";[26] "Min jagħmel il-ġustizzja, hu ġust fih innifsu, bħalma Kristu hu ġust, iżda min jagħmel id-dnub ġej mix-xitan għax ix-xitan dineb sa mill-bidu."[27] Hemm drabi oħra mbagħad fejn il-kriterji tal-imħabba u l-imġiba t-tajba huma magħqudin flimkien bħalma naqraw: "B'dan jidhru li huma wlied Alla u min huma wlied ix-xitan; għax min ma jagħmilx il-ġustizzja mhuwiex minn Alla, anqas min ma jħobbx lil ħuh."[28]

Dawn l-istqarrijiet iqajmu numru ta' mistoqsijiet oħra: min jiddefinixxi dak li hu "tajjeb"? U xi ngħidu għal dawk li xi drabi jagħmlu t-tajjeb u xi drabi jagħmlu l-ħażin? Jew dwar dawk li jħobbu, imma li xi drabi ma jirnexxielhomx jagħmlu dan? Dawn il-mistoqsijiet nistgħu nappreżżawhom aktar meta nqisu li f'dawn l-Ittri hemm ambigwitajiet li joħolqu diversi problemi għalina bħala qarrejja li ninsabu mbegħdin ħafna miż-żmien li fih inkitbu dawn l-Ittri. Waħda minn dawn il-problemi tikkonċerna t-tagħlim dwar id-dnub li nsibu fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann.

Fl-ewwel żewġ kapitli ta' din l-Ittra, l-awtur jikkonċedi li dawk li għalihom kien qed jikteb setgħu faċilment jidinbu: "Uliedi, dan qiegħed niktibhulkom biex ma tidinbux; imma jekk xi ħadd jidneb, aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust."[29] Minkejja din l-istqarrija, l-awtur jikteb ukoll dan li ġej: "Kull min jgħammar fih ma jidnibx; iżda kull min jidneb, lil Ġesù la rah u lanqas għarfu."[30] Il-konklużjoni loġika ta' kif nirrikonċiljaw dan il-kliem jagħmel dan kollu aktar diffiċli: "Jekk ngħidu li m'għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina."[31] Aktar diffiċli f'dan ir-rigward huwa dak li naqraw aktar tard: "Iżda min jagħmel id-dnub ġej mix-xitan ... Kull min hu mwieled minn Alla ma jagħmilx dnub."[32]

It-tweġiba għall-mistoqsija l-għala l-awtur jagħmel dawn l-istqarrijiet li jidhru kontra xulxin mhijiex faċli. Forsi għalih ċertu kliem kien ifissru mod ieħor mill-mod kif nifhmuhom illum; jew forsi kellu għejun differenti

li minnhom kien qed jikteb din l-Ittra u għaqqadhom flimkien; jew inkella l-awtur kellu għanijiet retoriċi.

It-tieni kriterju li l-awtur juża biex jiddistingwi dawk li huma "ġewwa/fil- komunita" minn dawk li mhumiex huwa dak duttrinali jew aħjar tat-twemmin veru. "L-Ispirtu ta' Alla tagħrfuh b'dan: kull spirtu, li jistqarr li Ġesù Kristu sar bniedem, hu minn Alla."[33] Xi ħaġa simili naqrawha fit-Tieni Ittra ta' San Ġwann: "Għax ħarġu fid-dinja ħafna qarrieqa, nies li ma jridux jistqarru li Ġesù Kristu ġie fil-ġisem; dawn huma l-qarrieqa u l-antikristi!"[34]

Jidher ċar li l-awtur huwa familjari mal-kundizzjonijiet reliġjużi u etiċi tal-qarrejja li għalihom kien qed jikteb, tal-inqas f'termini ġenerali. Minbarra hekk, huwa kien qed jistenna li l-komunità li għaliha kien qed jikteb, tagħrfu bħala awtorità ikkwalifikat biex ixandar il-messaġġ nisrani.[35] L-għan li għalih kien qed jikteb hu biex isaħħaħ il-fidi, l-imħabba u l-għaqda ta' bejn dawk li jemmnu ma' Alla.[36]

Dan kollu issa kien f'periklu minħabba li ċerti eretiċi jew għedewwa tal-fidi li aktarx bdew ixandru xi ħaġa differenti minn dik li kienu rċevew dawn l-Insara li għalihom l-awtur jikteb din l-Ittra. Il-polemika kontra dawn l-antagonisti msemmija fl-Ittra nsibuha mifruxa mal-Ittra kollha.

## L-ISTRUTTURA TAL-EWWEL ITTRA TA' SAN ĠWANN

Mhuwiex faċli nifformulaw l-istruttura tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann. Xi studjużi jqisuha bħala Ittra mibnija b'sengħa, filwaqt li oħrajn iqabbluha mal-mewġ tal-baħar jew f'forma spirali fejn minn suġġett tgħaddi għall-ieħor permezz tal-assoċjazzjoni tal-ideat, u tirritorna għal dak is-suġġett aktar tard. Hekk pereżempju, t-tema tal-imħabba, tad-dnub, tat-twelid spiritwali mhumiex magħquda b'mod sistematiku, imma nsibuhom f'partijiet differenti tal-Ittra. F'dan kollu ninnutaw l-użu ristrett tal-kliem jew vokabularju wżat u li hu ripetut.

L-awtur jagħmel użu minn dak li jissejjaħ paralleliżmu antiteku, jiġifieri żewġ



stqarrijiet kontra xulxin, l-ewwel f'termini pożittivi u mbagħad f'termini negattivi, jew viċi-versa u li ħafna drabi jibdew bil-kliem "Jekk." L-awtur jagħmel użu estensiv wkoll mill-antitesijiet b'kuntrasti bejn pereżempju dawk li jħobbu lill-"aħwa" u dawk li jobgħoduhom; dawk li "jagħmlu" l-verità u dawk li ma jagħmlux hekk. L-awtur iħobb juża wkoll formuli li permezz tagħhom jistqarr kif inkunu fil-verità, u li ħafna minn dawn jibdew bil-kliem: "Minn dan inkunu nafu ...."

Hekk pereżempju f'1 Ġw 1:6-10 naqraw: "*Jekk ngħidu* li aħna msieħbin miegħu imma nimxu fid-dlam, inkunu qegħdin nigdbu u ma nagħmlux il-verità. Iżda *jekk nimxu fid-dawl,* kif inhu fid-dawl hu stess, aħna nissieħbu flimkien, u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub. *Jekk ngħidu li m'għandniex dnub,* inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina. *Jekk nistqarru dnubietna,* hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna u jnaddafna minn kull ħażen. *Jekk ngħidu li ma dnibniex,* inkunu qegħdin ingiddbuh, u kelmtu ma tkunx fina."

Hekk ukoll naqraw f'1 Ġw 2:4-5, *"Min jgħid,* 'Jiena nafu,' *u ma jżommx il-kmandamenti tiegħu,* hu giddieb u l-verità mhijiex fih. *Iżda kull min iżomm il-kelma tiegħu,* fih hemm tassew l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha." Mill-ġdid f'1 Ġw 2:10-11 naqraw: "*Min iħobb 'il ħuh,* jgħammar fid-dawl, u fih ma hemm ebda tfixkil. *Iżda min jobgħod 'il ħuh*, jinsab fid-dlam, jimxi fid-dlam, u ma jafx fejn hu sejjer, għax id-dlam għamielu għajnejh."

Hemm imbagħad stqarrijiet li nistgħu nqisuhom bħala antitesijiet proprji. Dawn mhumiex sempliċiment il-maqlub tas-sentenza oriġinali, imma l-awtur jagħmel użu minn termini ta' pari opposti. Hekk, pereżempju f'1 Ġw 3:7-10 naqraw: "Uliedi, tħallux min iqarraq bikom. Min jagħmel il-ġustizzja, hu ġust fih innifsu, bħalma Kristu huwa ġust. Iżda min jagħmel id-dnub ġej mix-xitan, għax ix-xitan dineb sa mill-bidu. Kien għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kulma għamel ix-xitan. Kull min hu mwieled minn Alla ma jagħmilx id-dnub, għax iż-żerriegħa ta' Alla tibqa' fih; ma jistax jidneb, għax hu mwieled minn Alla. B'dan jidhru min huma wlied Alla u min huma wlied ix-xitan; għax min ma jagħmilx il-ġustizzja mhuwiex minn Alla, anqas ma jħobb lil ħuh."[37]

Quddiem dan kollu nistgħu ngħidu mela li fir-rigward tal-istil tal-kitba, l-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann jalterna bejn żewġ stili differenti li jitolbu spjegazzjoni u bla dubju ta' xejn jaffettwaw il-mod kif ninterpretaw dak li jikteb. Xi drabi huwa jinkoraġixxi lill-qarrejja tiegħu permezz tal-argumenti li jibni.[38] Drabi oħra iżda huwa jagħmel użu minn stqarrijiet antiteċi, jiġifieri kontra xulxin.[39]

Xi studjużi jaraw f'dan l-istil varjant l-għan doppju tal-awtur: l-ewwel li jistqarr il-verità tat-tagħlim nisrani u mbagħad li jikkoreġih; it-tieni, biex jinkoraġixxi lill-komunità li għalih kiteb. Xi studjużi oħra jqisu dan il-mod antiteku li bih jitkellem l-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann bħala polemika kontra l-għedewwa tal-komunità li fil-fatt kienu telqu mill-komunità.[40] L-istqarrijiet jew l-azzjonijiet li l-awtur jiċħad huma l-istqarrijiet jew l-imġiba ta' dawn l-istess għedewwa tal-komunità li l-awtur jirribattihom bl-istqarrijiet proprji tiegħu. F'dan is-sens, l-antitesijiet u t-teoloġija marbuta magħhom iridu jiġu interpreti f'kuntest ta' polemika, filwaqt li l-ħsieb tal-awtur irridu nippruvaw nifhmuh f'termini ta' dak li kien qed jattakka.

## Referenzi


1 Xi wħud mill-aħjar Kummentarji fuq l-Ittri ta' San Ġwann jinkludu, Alan England Brooke, A Critical and Exegetical Commentary on the Johannine Epistles (Edinburgh: T&T Clark, 1912); Charles Harold Dodd, The Johannine Epistles (London: Hodder & Stoughton, 1946); Rudolf Schnackenburg, The Johannine Epistles, trans. Reginald and Ilse Fuller (New York: Crossroad, 1992); Raymond E. Brown, The Epistles of John, Anchor Bible no.30 (Garden City. N.Y.: Doubleday, 2002); Stephen S. Smalley, 1,2,3 John, Word Bibical Commentary (Waco, Texas: Word Books Publishers, 1984); John Painter, 1,2, and 3 John, Sacra Pagina no.18 (Collegeville/MN, The Liturgical Press, 2002); Yves Simoens, Le tre Lettere di Giovanni, Credere per amare; Una traduzione e un'interpretazione, trans. Margherita Simionati (Bologna: Edizione Dehoniane, 2012).

2 Ara 2 Ġw 2:1; 3 Ġw 1.

3 Ara K. Aland, "The Problem of Anonymity and Pseudonymity in Christian Literature of the First Two Centuries," Journal of Theological Studies 12 (1961): 39-49.

4 2 Ġw 2:1.

5 3 Ġw 1.

6 2 Ġw 13.

7 3 Ġw 15.

8 Ara F. O. Francis, "The Form and Function of the Opening and Closing Paragraphs of James and 1 John," Zeitschrift für die neutestamentliche Wissenschaft 61 (1970): 110-126.

9 1 Ġw 2:1.12.28; 3:18; 4:4; 5:21.

10 1 Ġw 2:7; 4:1.7.11.

11 1 Ġw 2:13-14.

12 1 Ġw 2:13-14.

13 Ara Ġw 13:34; 15:12.17.

14 1 Ġw 3:18.

15 1 Ġw 4:7.

16 Għal aktar dettalji dwar il-kmandament tal-imħabba fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, ara, Urban C. von Wahlde, The Johannine Commandments, 1 John and the Struggle for the Johannine Tradition (New York: Paulist Press, 1970); Umberto Neri, Perché la nostra gioia sia perfetta: Catechesi biblica sulla Prima Lettera di Giovanni (Reggio Emilia: Edizione San Lorenzo, 2010); Martin Micallef, "1 Ġw 4:7-12 - Alla Huwa Mħabba (1)," L-Art Imqaddsa, Rivista Biblika 186 (Ottubru-Dicembru 2014): 35-42; Martin Micallef, "1 Ġw 4:7-12: Alla huwa Mħabba (2)," L-Art Imqaddsa, Rivista Biblika 187 (Jannar-Marzu 2015): 33-40.

17 Ara 1 Ġw 2:18.26. Dwar min setgħu kienu dawk li l-awtur kien qed jeħodha kontrihom u x'kien it-tagħlim żbaljat tagħhom ara, Ruth B. Edwards, The Johannine Epistles: New Testament Guides (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1996), 57-68.

18 1 Ġw 2:22.

19 1 Ġw 2:4.

20 1 Ġw 1:5.

21 Ara pereżempju Brown, The Epistles of John.

22 1 Ġw 4:5.

23 1 Ġw 2:15.

24 1 Ġw 2:16-17.

25 1 Ġw 2:9.

26 1 Ġw 3:15.

27 1 Ġw 3:7-8.

28 1 Ġw 3:10.

29 1 Ġw 2:1.

30 1 Ġw 3:6.

31 1 Ġw 1:8.

32 1 Ġw 3:8-9.

33 1 Ġw 4:2.

34 2 Ġw 7.

35 Ara 1 Ġw 1:1-4; 4:14.

36 Ara 1 Ġw 1:3.

37 Ara wkoll 1 Ġw 4:4-6. Xi ħaġa simili nsibuha wżata fl-Evanġelju skont San Ġwann. Ara Ġw 3:19-21. 31.

38 Ara 1 Ġw 2:1-2.26-27.

39 Ara 1Ġw 1:5-10;3:4.

40 Ara 1 Ġw 2:19.




# JINSTAB BANJU RITWALI LHUDI FL-ISKAVI TAĦT IL-ĠETSEMANI

*Noel Muscat ofm*

Dan l-aħħar għadu kif instab banju ritwali Lhudi (*Mikveh*) li jmur lura għall-perjodu tat-Tieni Tempju, fiż-żona taħt l-Għolja taż-Żebbuġ qrib il-Bażilika tal-Agunija tal-Ġetsemani. Is-sejba saret minn arkeoloġi Israeljani u Franġiskani waqt it-tħaffir ta' mina li saret taħt it-triq biex tniffed il-Bażilika mal-Wied tal-Kedron li hemm biswitha, bl-iskop li l-pellegrini jkunu jistgħu wkoll jaqsmu biex jitolbu fil-wied, li hu proprjetà tal-Franġiskani li jħarsu l-Kustodja tal-Art Imqaddsa.

Mill-Vanġeli nafu li l-Ġetsemani kien post fejn kien jintagħsar iż-żejt, billi ż-żona kienet antikament miksija bis-siġar taż-żebbuġ. Fil-fatt, il-kelma *Gat-shemani* bil-Lhudi tfisser appuntu "magħsar taż-żejt."

Amit Re'em, il-kap distrettwali tal-Israel Antiquities Authority, li mexxiet l-iskavi flimkien mal-Franġiskani, qal: "Għall-ewwel darba għandna evidenza arkeoloġika li kien hemm xi ħaġa hawnhekk fil-perjodu tat-Tieni Tempju, jiġifieri fi żmien Ġesù." Il-preżenza ta' banju ritwali Lhudi hi ħaġa komuni li tinstab fit-tfittxijiet arkeoloġiċi fl-Art Imqaddsa. Re'em qal li nstabu mijiet ta' banjijiet ritwali (*Mikvot*) f'Israel. Imma dan il-banju ritwali jirrappreżenta, għall-ewwel darba fl-istorja, evidenza arkeoloġika fiżika dwar is-sit tradizzjonali tal-Ġetsemani bħala l-post tal-agunija ta' Ġesù u ċentru ta' qima mill-pellegrini Kristjani matul is-sekli.

Re'em kompla jgħid: "Aħna l-arkeoloġi m'aħniex entużjasmati għax sibna *Mikveh*, imma pjuttost mit-tifsira ta' dan il-banju ritwali. Għax, minkejja li saru diversi skavi f'dan il-post mill-1919 sal-lum, ftit instabu fdalijiet li jmorru lura aktar minn żmien il-Kruċjati u żmien il-Biżantini, ma kien hemm l-ebda evidenza ta' fdalijiet minn żmien Ġesù. Bħala arkeologu normali li nistaqsi jekk hemmx evidenza għal din il-ġrajja tat-Testment il-Ġdid, jew inkella għandniex infittxuha x'imkien ieħor." Imma l-evidenza issa nstabet.

Dejjem fuq il-pariri ta' Re'em u l-esperti arkeoloġi tal-





Israel Antiquities Authority u tal-arkeologu tal-i*Studium Biblicum Franciscanum*, Patri Eugenio Alliata OFM, x'aktarx li kien hemm magħsar taż-żejt f'nofs l-għalqa, u l-fatt li nstab banju ritwali barra mill-ħitan ta' Ġerusalemm ifisser li dan il-banju ritwali kellu l-iskop li jaqdi komunità agrikola. Bosta banjijiet ritwali nstabu fid-djar ta' nies għonja, fi bliet, ħdejn ċimiterji, imma wkoll f'żoni agrikoli, fejn dawk li kienu jaħdmu fl-għasir taż-żejt jew l-inbid kellhom ukoll id-dmir li jippurifikaw lilhom infushom ritwalment meta jitolbu. Re'em jispeċifika: "Il-liġi Lhudija tgħidlek li, jekk qed tipproduċi inbid jew żejt taż-żebbuġa, int hemm bżonn li tkun ritwalment pur. Għaldaqstant hemm probabbiltà kbira li, fi żmien Ġesù, dan il-post kien magħsar taż-żejt."

It-tieni pass, wara s-sejba tal-*mikveh* issa tkun li jittieħdu frammenti biex jiġu studjati mill-mikro-arkeoloġi li xjentifikament jistudjaw fdalijiet ta' pollini taż-żebbuġ. Jekk dawn jinstabu, jkollna l-prova li dan kien post tal-għasir taż-żejt. Naturalment, Re'em ma jaċċettax li b'daqshekk, ikollna ċertezza xjentifika dwar il-verità tal-Vanġeli rigward is-sit tal-Ġetsemani.

L-iskavi tkomplew ukoll ftit 'l isfel mill-Bażilika moderna tal-Agunija, li nbniet fl-1919-1924, fuq is-sit ta' knisja Kruċjata u knisja Biżantina. Imma anke f'dan il-post ġdid, jiġifieri fil-Wied tal-Kedron proprju, eżatt taħt il-faċċata tal-knisja fuq in-naħa l-oħra tat-triq, instabu fdalijiet ta' knisja oħra Biżantina u wkoll dawk ta' monasteru tal-era Kruċjata. L-Israel Antiquities Authority iżżomm li din il-knisja kienet tintuża mis-seklu 6 sas-seklu 8, jiġifieri anke wara li l-Art Imqaddsa spiċċat taħt ħakma Musulmana fis-sena 638.

Fuq il-paviment tal-knisja Biżantina nstabet skrizzjoni bil-Grieg, li ġiet deċifrata mid-Dekan tal-i*Studium Biblicum Franciscanum*, Patri Rosario Pierri OFM, espert tal-lingwa Griega klassika u biblika u Dr. Leah Di Segni tal-Università Ebrajka ta' Ġerusalemm. Din l-iskrizzjoni tgħid: "Għat-tifkira u l-mistrieħ ta' dawk li jħobbu lil Kristu (salib) Alla li rċevew is-sagrifiċċju ta' Abraham, ilqa'



s-sagrifiċċju tal-qaddejja tiegħek u agħtihom il-maħfra ta' dnubiethom. (salib) Amen." Re'em qal li dan kollu juri li l-knisja kienet baqgħet tintuża anke wara l-ħakma Musulmana, u li allura l-pellegrinaġġi Kristjani lejn Ġerusalemm tħallew ikomplu wkoll f'dak iż-żmien.

Rigward din il-knisja Biżantina li ġiet mikxufa, Re'em qal li ma għandna l-ebda dokumentazzjoni dwarha, imma hu jemmen li f'dak iż-żmien fis-sit tal-Ġetsemani kien hemm ħafna knejjes li kienu jfakkru bosta mumenti tal-esperjenza ta' Ġesù u l-Appostli f'din iż-żona barra Ġerusalemm.

Il-monasteru medjevali, jew forsi wkoll ospizju tal-pellegrini, kellu diversi kmamar u sistema sofistikata tal-ilma, li kienet ukoll tinkludi żewġ ċisterni kbar forma ta' salib. X'aktarx li dan l-istabbiliment Kruċjat ġie meqrud mis-Sultan Ayyubid Salah-ad-Din fl-1187, meta l-Kruċjati tkeċċew minn Ġerusalemm fejn kienu ilhom preżenti mill-1099. Saladin x'aktarx uża l-ġebel tal-knejjes li ħatt biex iffortifika s-swar ta' Ġerusalemm.

L-iskavi arkeoloġiċi ġew ippreżentati matul konferenza stampa li saret it-Tnejn 21 ta' Diċembru 2020, li fiha tkellem ukoll Patri Francesco Patton OFM, Kustodju tal-Art Imqaddsa, u attendew għaliha l-arkeoloġi tal-Israel Antiquities Authority u tal-i*Studium Biblicum Franciscanum*. Waqt il-konferenza stampa ssemmiet il-ħidma tal-Franġiskani matul is-sekli favur l-Art Imqaddsa, u l-fatt li kienu huma li ħarsu fdalijiet arekoloġiċi imprezzabbli f'dak li hu llum it-Terra Sancta Museum, fi żmien meta kien hemm gwerer f'ħafna reġjuni tal-Lvant Nofsani, inkluża l-belt ta' Palmyra fis-Sirja, fejn saret qerda irreparabbli mill-fanatiċi tal-iStat Islamiku ftit tas-snin ilu.

Il-Kustodju qal: "Il-Ġetsemani hu wieħed mill-aktar santwarji importanti fl-Art Imqaddsa, għaliex hu l-post li fih it-tradizzjoni tfakkar it-talba ta' Ġesù u t-tradiment tiegħu, u għaliex ta' kull sena miljuni ta' pellegrini jżuru u jitolbu f'dan il-post. Dawn l-aħħar skavi li saru f'dan is-sit jikkonfermaw l-antikità tat-tifkira Kristjana u tat-tradizzjoni marbuta ma' dan il-post, u dan hu importanti għalina biex nifhmu r-rabta bejn it-tifsira spiritwali u s-sejbiet arkeoloġiċi fis-santwarji tal-Art Imqaddsa."

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

L-ART **Imqaddsa**
RIVISTA BIBLIKA

# Tiġdid
# L-Art Imqaddsa
# 2021




# ABBONAMENT:

## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur


**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2021



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Il-Basilika tal-Ġetsemani - Ritratt: Andre Mangion*